CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
ST.GEORGE'S FIEF STREET
VICTORIA GOZO
TEL. 2156 0479

# BULLETTIN TAL-ARCIDJOCESI U LITURGIJA TAL-KELMA

Nru. 40 Diċembru 1983

WERREJ

Sinodu ta' l-Isqfijiet 193
Diskorsi tal-Papa fuq ir-Rużarju 205
Declaratio de Associationibus Massonicis 214
Dokumenti u Digrieti tal-Kurja dwar il-Kodiċi l-Ġdid 215
Diskorsi u messaġġi ta' l-Arċisqof u dokumenti tal-Kurja 231
What's new in the new code of Canon Law? 238
Is-Sbatax-il Jum Dinji tal-Paċi 249

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U
LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 40 Diċembru 1983

Id-diskors tal-Papa fil-ftuħ tas-Sinodu

## FIS-SAGRAMENT TAR-RIKONĊILJAZZJONI L-BNIEDEM JIKSEB REBĦA SPIRITWALI

Qed niltaqgħu llum f'din il-Bażilka ta' San Pietru biex bil-mejda tal-Kelma ta' Alla u ta' l-Ewkaristija, nagħtu bidu għas-Sinodu ta' l-Isqfijiet. Hi sessjoni ordinarja li bħala tema għandha: "Ir-rikonċiljazzjoni u l-penitenza fil-missjoni tal-Knisja". Nixtiequ għalhekk fuq kollox ningħaqdu *ma' Dak* li ta bidu għal din il-missjoni tal-Knisja. Kien hu, Ġesù Kristu, li qal: "Intemm iż-żmien, is-Saltna ta' Alla hi fil-qrib: *poenitemini* (indmu) u emmnu fil-Bxara t-tajba (ara Mk. 1, 15).

Iż-żmien intemm bil-miġja ta' Kristu. U jintemm bla heda dan iż-żmien li fih il-Missier etern jiftaħ qalbu għall-ħbiberija ma kull bniedem f'Ġesù Kristu. Ilkoll qed ngħixu f'dan iż-żmien.

U għalhekk kien f'waqtu li l-Isqfijiet tal-Knisja ipproponew bħala tema tas-Sinodu l-penitenza u r-rikonċiljazzjoni. Jeħtieġ nerġgħu lura għall-ewwel kliem ta' Kristu. Jeħtieġ naraw kif qed iwieġbu għalih il-Knisja u d-dinja tal-lum. Hemm bżonn li dan il-kliem jerġa' jkollu l-qawwa eterna, evanġelika u appostolika tiegħu.

Kien ikun tassew ħaġa tajba ssib tema ieħor hekk fondamentali għas-Sinodu. Tema aktar evanġelika. Aktar appostolika. Aktar f'waqtu.

Inroddilkom ħajr, ħuti, inrodd ħajr lill-isqfijiet kollha tal-Knisja li għoġobhom jipproponu proprju dan il-problema tar-rikonċiljazzjoni u l-penitenza bħala ħidma tas-servizz tas-Sinodu lill-poplu ta' Alla fid-dinja kollha.

Il-Liturġija tal-festa tal-lum tgħinna nifhmu l-qawwa tal-mensjonijiet li, *fil-pjan ta' Alla,* "poenitemini" ta' Kristu fid-dihuma l-akbar u l-eqdem fil-bniedem, li, fl-istess ħin jaslu għandu u jiltaqgħu f'qalbu u fi ġrajjietu.

Mhux ta' b'xejn Ġesù, meta sejjaħ lil Natanase, qallu dan il-kliem misterjuż: "Għad taraw is-sema miftuħ u l-anġli ta' Alla telgħin u neżlin fuq Bin il-bniedem" (Ġw 1, 51).

Proprju llum hi l-festa ta' l-*Anġli ta' Alla* — u, b'mod speċjali, ta' dawk li mill-Iskrittura nafu li jisimhom Mikael, Gabriel, Rafael.

L-ewwel qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi jistedinna nieqfu

fuq l-isem ta' *Mikael*. Dan l-isem ifisser: "Min bħal Alla?" Ifisser għarfien u għażla magħmula minn spirtu pur.

Is-Saltna ta' Alla tissawwar minn dejjem ta' dejjem proprju fuq għarfien u għażla bħal din: "Min bħal Alla." F'dan il-kliem hemm il-qawwa spiritwali kollha li twassal biex wieħed idur lejn Alla u jingħaqad bil-fehma u bir-rieda ma' Dak li hu l-milja ta' kollox. Milja ta' ħajja u ta' qdusija. Milja ta' Verità; ta' ġid u ta' ġmiel.

Il-festa tal-lum tfakkarna li fil-bidu tal-ħolqien, mill-milja spiritwali ta' l-anġli ħarġet din l-*adorazzjoni tal-bidunett* li flimkien ma' l-istess ħajja tagħhom ingħaqdet ma' dik ir-realtà ta' "min bħal Alla." Mikael u l-anġli tiegħu (Apok 12, 7).

Fl-istess waqt, l-istess qari ta' l-Apokalissi jurina li għal din l-adorazzjoni u din l-affermazzjoni tal-bidunett tal-kobor ta' Alla li ħalaq kollox, hemm ċaħda. Quddiem l-anġli li kollhom imħabba daru lejn Alla ("Min bħal Alla") faqqgħet il-milja tal-mibgħeda ta' dawk li ħaduha kontra Alla. L-Iskrittura dan issejjaħlu "diabolos" (qarrieq) u xitan. Din il-kelma tfisser li dawk li ħaduha kontra Alla ġew imwarrbin minn Alla: "Is-Serp tal-qedem... kien iwaddab għal fuq l-art u miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu" (Apok 12, 9).

Fid-dimensjonijiet tad-"dinja li ma tidhirx" hemm ġlieda kbira bejn it-tajjeb u l-ħażin. It-tajjeb għandu l-bidu tiegħu f'Alla u jasal għat-tmiem tiegħu fl-imħabba ta' Alla. Il-ħażen hu ċ-ċaħda ta' l-aqwa ġid, li hu Alla stess, u fih innifsu jiċħad il-verità (ix-xitan huwa missier il-gideb Ġw. 8, 44) u għandu fih il-qawwa li teqred tal-mibgħeda.

L-Apokalissi jitkellem fuq taqbida: "qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu jitqabdu mad-Dragun" (Apok 12, 7).

Il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin daħlet fil-ġrajja tal-bniedem u qerdet l-innoċenza li kien hemm fil-bidunett f'qalb ir-raġel u l-mara. "Il-bniedem għlakemm minn Alla tqiegħed fi stat ta' qdusija, ittentat mill-Ħażin sa mill-bidu ta' l-istorja abbuża mil-libertà tiegħu billi qam kontra Alla u xtaq li jilħaq il-fini tiegħu barra minn Alla." Minn dak iż-żmien "il-ħajja kollha tal-bnedmin, sew wieħed wieħed sew ilkoll flimkien, turi ruħha bħala ġlieda — u waħda drammatika — *bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin*, bejn id-dawl u d-dlam... Id-dnub wara kollox iċekken il-bniedem stess għax ma jħallihx jilħaq il-milja kollha tiegħu" (*Gaudium et Spes*, 13).

Iżda din il-ġlieda mhix bħal dik li jfakkarna fiha l-ewwel qari tal-Liturġija tal-lum. Hija ġlieda *għal bniedem*. Mhux għal spirtu pur. Iżda hi qabel kollox u qabel xejn tfixkil għat-twaqqif tas-saltna ta' Alla, saltna ta' verità u ta' mħabba, fil-ġrajja tal-bniedem, f'kull qasam ta' ħajtu. Kemm tal-ħajja tal-bniedem waħdu, u kemm fil-ħajja tas-soċjetà.

Għalhekk meta Kristu ta bidu għall-missjoni tiegħu u ħabbar li s-saltna ta' Alla kienet

fil-qrib — fl-istess ħin qal: *metanoiete* (indmu), jiġifieri "tbiddlu fl-ispirtu tagħkom"! Hi sejħa għall-konversjoni u għar-rikonċiljazzjoni ma' Alla. Dan juri li tħalli l-ħażen u ddur lejn it-tajjeb — fil-milja tiegħu li hu Alla — hi ħaġa li tista' tkun għall-bniedem. Ir-rieda tal-bnideem tista' tilqa' fiha l-qawwa li ssalva tal-grazzja, li tbiddel għal kollox it-tamiet l-aktar kbar tagħha. F'din is-sejħa ta' Kristu jinsab ukoll l-*ewwel Dawl tal-Bxara t-tajba*. Fiha tidher it-tama tar-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażen, tad-dawl fuq id-dnub. Ħaġa li Kristu wettaq sa l-aħħar bis-Salib u l-Qawmien mill-imwiet.

Ħuti egħżież. Tul l-ewwel ġimgħat, bħala ragħajja tal-knisja fl-aħħar snin tas-seklu XX, irridu naħsbu sewwa fuq din is-sejħa fondamentali ta' l-Evanġelju Hi sejħa li saret lill-bnedmin ta' kull żmien u għal-hekk għall-bnedmin ta' żmienna wkoll, u għal kull wieħed għandha l-qawwa li ssalva u tagħti l-ħelsien. Din il-qawwa ġiet mogħtija lill-Knisja bħala frott tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Kristu lill-appostli miġburin fiċ-Ċenaklu, qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: dawk li taħfrulhom dnubiethom, ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw 20, 22-23).

Bħala suċċessuri ta' l-Appostli aħna għandna responsabbiltà speċjali fil-misteru tar-rikonċiljazzjoni tal-bniedem ma' Alla. U responsabbiltà partikulari għas-*sagrament* li fih isseħħ din ir-rikonċiljazzjoni.

Nerġgħu għall-qari mill-Apokalissi. Iħabbar *ir-rebħa* li sseħħ "bid-Demm tal-Ħaruf" (Apok 12, 11). B'din ir-rebħa "ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa u s-saltna ta' Alla tagħna u s-setgħa ta' Kristu tiegħu" (Apok 12, 10).

Fil-misteru tar-Rikonċiljazzjoni ma' Alla, fis-sagrament li fih isseħħ din ir-rikonċiljazzjoni, il-*bniedem jixli lilu nnifsu* huwa u jistqarr dnubietu — u b'hekk *iċaħħad minn kull setgħa 'l dak li jixlih*, li lejl u nhar jixli 'l kull wieħed minna u 'l bnedmin kollha quddiem il-kobor ta' Alla, tliet darbiet qaddis.

Meta l-bniedem jixli lilu nnifsu quddiem Alla, l-istqarrija ta' dnubietu, ġejja mill-indiema, flimkien mas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni fid-Demm tal-Ħaruf, *tikseb ir-rebħa*.

Ħuti għeżież. Fil-ġimgħat li ġejjin irridu naffrontaw dak it-tema li miegħu hi aktar marbuta r-*rebħa spiritwali tal-bniedem:* "Rikonċiljazzjoni u penitenza fil-missjoni tal-Knisja".

Kemm oqsma tal-ħajja tal-bniedem tal-lum jintlaħqu minn dan it-tema! Ilkoll kemm aħna dan nagħarfuh. Nafu kemm theddid dejjem jiżdied qed jinġabar fuq il-ħajja tal-familja tal-bnedmin tal-lum.

Il-Knisja bla heda tagħti xhieda tal-ħerqa tagħha għar-rikoniċljazzjoni bejn il-bnedmin u s-Soċjetajiet — il-ħerqa biex jiġu megħluba l-qawwiet qerrieda tal-mibegħda, tal-ġlied, tal-qerda.

Dan huwa l-isfond li fuqu

aħna rridu niġġieldu, skond il-qies ta' żmienna, il-ġlieda ta' dejjem bejn it-tajjeb u l-ħażin *f'dak il-punt nevralġiku* li Kristu wriena liema hu bil-kelma ta' l-Evanġelju li ssalva u bil-qawwa tas-Salib u l-qawmien tiegħu.

Miġburin flimkien mal-mejda tal-Kelma ta' Alla u ta' l-Ewkaristija nitolbu l-*Ispirtu s-Santu* ħa jmexxi l-fehmiet u l-qlub tagħna f'dan il-qadi tas-Sinodu lill-Poplu ta' Alla li għalih se nagħtu bidu llum.

Nixtiequ norbtu dan il-qadi *mat-talb tar-Rużarju* li għalih il-Knisja tiddedika dan ix-xahar ta' Ottubru. F'din it-talba hemm magħna — kif darba kienet ma' l-appostli fiċ-Ċenaklu — Omm il-Feddej tagħna, li hi wkoll Omm il-Knisja u Qaddejja tal-Mulej. Magħha nixtiequ naqdu l-ministeru tagħna ta' isqfijiet.

Nitolbu bil-ħeġġa kollha! U jissieħeb magħna t-talb tal-Knisja kollha.

## DISKORS TA' MONS. ARĊISQOF FIS-SINODU

"Il-Knisja, waqt li tipproponi t-tema tar-rikonċiljazzjoni u l-penitenza għall-konsiderazzjoni ta' l-Isqfijiet fis-Sinodu, għandha l-ħsieb ukoll li tagħti tweġiba għax-xewqat tal-bniedem ta' llum li, għalkemm mifrud u mikdud, jixtieq u jitlob il-paċi u r-rikonċiljazzjoni. Il-Knisja għandha messaġġ ta' ferħ x'toffri lill-umanità: ir-rikonċiljazzjoni, mifhuma tajjeb, hija rimedju u t-triq waħdanija biex twaqqaf mill-ġdid l-ordni ma' Alla u mal-bnedmin, il-bażi għal kull paċi u spirtu ta' rikonċiljazzjoni.

Ir-rikonċiljazzjoni, li hija l-konversjoni tal-bniedem lejn Alla, titlob ukoll ir-rikonċiljazzjoni mal-proxxmu, mal-bniedem: titlob l-impenn sinċier tagħna li ngħinu lill-oħrajn biex nibnu soċjetà aktar umana, waqt li ma nonqsux li nikxfu, bi spirtu ta' karità, l-inġustizzji soċjali.

Ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla titlob li jkollna fina sens attiv u ħaj tar-responsabbiltà lejn l-oħrajn, ikkunsidrati fid-diversi ċirkustanzi ta' ħajjithom. Is-sens tar-responsabbiltà jitlob li aħna ma nibqgħux passivi quddiem it-tbatijiet inġusti ta' ħaddieħor, imma ninteressaw ruħna fihom u nitkellmu minflokhom meta huma ma jkunux jistgħu jagħmlu dan: dawn huma tassew foqra għaliex għandhom bżonn tal-vuċi tagħna biex ngħinuhom.

Jekk is-sagrament tal-penitenza jiġi propost taħt dawn iż-żewġ aspetti, wieħed jiġi inkuraġġit biex jersaq lejn dan is-sagrament li, waqt li jirrikonċilja l-bniedem ma' Alla u mal-bnedmin l-oħra, iqiegħed il-bażi essenzjali għar-rikonċiljazzjoni bejn il-bnedmin."

# MESSAĠĠ TA' L-ISQFIJIET

## IR-RIKONĊILJAZZJONI U L-PENITENZA FIL-MISSJONI TAL-KNISJA

Minn qalb il-bniedem toħroġ bla heda għajta għall-ħelsien mill-qtigħ il-qalb tiegħu nnifsu ħa jasal biex ikun dak li hu fih innifsu kollu kemm hu.

Miġburin minn kull naħa tad-dinja, aħna l-isqfijiet tas-Sinodu, flimkien mal-Papa, nissieħbu magħkom biex naqsmu magħkom il-ferħ u n-niket tagħkom.

B'qalbna mnikkta, aħna lkoll qiesna kull xorta ta' deni li qiegħed iċaħħad lill-bniedem li jista' jkollu ħelsien tassew u ħajja li tassew tixraqlu bħala bniedem. B'mod speċjali jisgħob bina b'dan li ġej u nikkundannawh:

— iċ-ċaħda tad-drittijiet tal-bniedem u l-attakki għad-dinjità u għal-libertà ta' l-individwi, u kontra l-ħajja u l-libertà ta' nies li ma jistgħux jiddefendu ruħhom;

— it-tfixkil li qiegħed isir għal-libertà reliġjuża, b'mod li dawk li jemmnu mhux qed jiġu mħollija jaqdu dmirijiethom u jwettquhom fil-ħidmiet tagħhom;

— kull xorta ta' diskriminazzjoni minħabba r-razza ta' dak li jkun;

— il-gwerer ta' aggressjoni, il-vjolenza u t-terroriżmu;

— il-ħażna ta' l-armi tal-gwerra, speċjalment ta' armi nukleari, u n-negozju skandaluż ta' kull xorta ta' armi tal-gwerra;

— it-tqassim inġust tar-riżorsi tad-dinja u dawk l-istrutturi li bihom l-għonja jistagħnu dejjem aktar u l-fqar jiftaqru dejjem aktar.

L-inġustizzja qiegħda tinxtered fid-dinja u l-paċi dejjem issir inqas żgura. Iżda t-tama qatt ma tista' tiġi nieqsa. Mill-fond ta' dan it-tiġrib tagħha, il-qalb tal-bniedem ma tieqaf qatt tixxennaq għall-ħajja u għall-imħabba.

U b'dan kollu qalb il-bniedem hi maqsuma fiha nfisha u midruba mid-dnub; minn dan tiġi spiss il-kefrija u l-inġustizzja tas-soċjetajiet tagħna.

Il-Kelma ta' Alla tistaqsi lill-bniedem fuq in-niket u t-tamiet tiegħu; tħeġġiġna biex nikkonvertu u nerġgħu lura lejn Alla. Il-Kelma li xandar il-Mulej sa mill-bidu tal-ministeru tiegħu ta' rikonċiljazzjoni, tasal b' qawwa liema bħalha għand kulħadd, jemmnu jew ma jemmnux, speċjalment f'din is-Sena Mqaddsa: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba" (Lq 1: 15).

Din il-Kelma ssejħilna għall-penitenza u għall-konversjoni tal-qalb, biex nitolbu maħfra u nerġgħu ninħabbu mal-Missier. Il-pjan li Alla l-Missier ried għas-soċjetà tagħna hu li ngħixu flimkien qisna familja waħda, fil-ġustizzja u l-verità, fil-libertà u l-imħabba.

Il-Kelma ta' Alla ddaħħalna fil-misteru ta' l-imħabba ta' Alla għalina, u ġġiegħelna nifhmu l-kmandament tal-Mulej fl-Evanġelju: min-naħa tagħna nħobbu lil Alla u l-proxxmu tagħna bħalna nfusna. Għal-

hekk, f'għaqda mal-Knisja universali, nissieħbu fil-ħidma fdata lilna minn Kristu: li noħolqu ċ-ċiviltà ta' l-imħabba billi nfejqu, nirrikonċiljaw u ngħaqdu d-dinja maqsuma u mifruda. Bħala nsara nitolbu maħfra għal dnubietna u għannuqqasijiet tagħna, li huma l-kawża ta' tant firdiet.

Ragħajja u fidili, ilkoll flimkien, naqdu din il-missjoni f'isem Kristu; bħalu rridu nkunu ħaġa waħda mal-fqar, mal-imġarrbin, mal-maħqurin, mal-bnedmin kollha. Id-dinja kollha trid dejjem aktar issir komunità ta' popli rikonċilajti filmkien.

Il-Knisja, bħala sagrament ta' rikonċiljazzjoni għad-dinja stess, trid tkun sinjal siewi u effikaċi tal-ħniena ta' Alla. L-aktar fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni aħna niċċelebraw u nitolbu l-maħfra ta' Alla, waqt li nġarrbu l-imħabba tiegħu li tfejjaq. Dan is-sagrament iġedded u jsaħħaħ il-ħbiberija ta' kull bniedem ma' Alla u jagħmilna ħielsa għall-qadi tiegħu.

Biex wieħed jikber fil-qdusija tiegħu nnifsu, żgur meħtieġa ħafna t-talb, is-sawm, il-karità flimkien mal-fedeltà u s-sabar fit-tiġrib tal-ħajja ta' kuljum.

L-Ispirtu s-Santu, b'qawwa speċjali, qed ikellem in-nies ta' żmienna biex isejħilhom għattiġdid tal-qalb mill-egħruq u għall-għaqda fil-fidi. Il-Konċilju Vatikan II wera ċar ħafna x'għandu jsir, fl-aħħar mill-aħħar, biex iseħħ il-pjan ta' Alla għall-poplu tiegħu fi żmienna. Biex naqdu dan id-dmir jeħtieġ li nkunu ħaġa waħda, fil-qalb u fil-fehma.

Nagħmlu appell biex ikun hemm għaqda akbar fi ħdan l-istess Knisja. Inħeġġu l-imgħammdin kollha biex flimkien isibu t-triq li twassal dritt għall-għaqda ta' l-insara, huma u jafdaw ruħhom kollhom kemm huma għall-verità ta' l-Evanġelju.

Nixtiequ naħdmu id f'id marreliġjonijiet l-oħra kollha u mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba għall-ġid tal-familja kollha tal-bnedmin. Dan l-appell aħna m'aħniex nagħmluhulkom f'isimna biss: "Aħna ambaxxaturi ta' Kristu, bħallikieku Alla stess qiegħed isejħilkom permezz tagħna. Nitolbukom f'isem Kristu, agħmlu ħbieb ma' Alla" (ara 2 Kor 5.20).

Il-Knisja bi ħsiebha tħabrek biex tfejjaq il-firdiet u t-tensjonijiet li hawn fid-dinja. Aħna wkoll m'aħna se nieqfu qatt inħabirku għall-paċi u d-diżarm u għat-tnaqqis tat-tensjonijiet, speċjalment bejn il-Lvant u l-Punent. Ma għandna ebda setgħa politika, imma nistgħu nwasslu lir-responsabbli stess tan-nazzjonijiet, leħen il-popli tagħhom, imxennqa għal dinja aktar żgura u fis-sliem.

Il-Knisja qatt ma tista' taċċetta strutturi ekonomiċi u politiċi li jħallu tibqa' qagħda ta' inġustizzja. Nużaw, biex insemmu eżempju, il-qawwa u l-awtorità kollha li għandna, biex verament jispiċċaw id-differenzi kbar li hemm fil-qagħda tan-nies li jgħixu fid-dinja tat-tramuntana u dawk li jgħixu fid-dinja ta' nofs-in-nhar.

Il-Knisja, l-aktar b'fomm is-

suċċessur ta' San Pietru, qatt ma waqfet li tfittex il-ġustizzja u s-sliem fi ħdan is-soċjetà tagħna. Is-Sinodu lest biex jammetti li ħafna bnedmin jixtiequ jbiddlu din il-qagħda tad-dinja, iżda ma għandhomx biex jagħmlu dan. Nappellaw għalhekk lil dawk li għandhom is-setgħa biex juru l-impenn kollu meħtieġ ħalli jkollna soċjetà aktar ġusta u aktar fis-sliem.

## ID-DISKORS TAL-PAPA F'EGĦLUQ IS-SINODU

"It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni" (Salm 89.2).

Fi tmiem dan is-Sinodu li ma tulu ħsibna fuq "ir-rikonċiljazzjoni u l-penitenza fil-missjoni tal-Knisja" ma nistgħux nagħmlu ħaġ'oħra ħlief li nfaħħru u nroddu ħajr lit-tjieba bla qies tal-Mulej li juri s-setgħa tiegħu l-aktar b'egħmil ta' ħniena u maħfra (ara kolletta 26 Ħadd tas-sena).

Dan nuruh b'fehma sħiħa ta' kemm aħna dgħajfa aħna u dawk li huma fdati lilna bħala ragħajja tagħhom. Forsi m'aħniex niżbaljaw ħafna jekk fid-diffikultajiet u t-tensjonijiet li ħarġu waqt id-diskussjonijiet tagħna naraw dak li fil-Ġisem tal-Knisja jeħtieġlu rikonċiljazzjoni u fejqan permezz ta' penitenza għad-dnubiet tagħna u tal-bnedmin kollha. Dan għaliex ir-ragħajja, forsi wkoll mingħajr ma jintebħu, iġorru t-tbatijiet u l-ġerħat tal-merħla tagħhom: il-grazzja tas-Sinodu kienet li nagħarfu x'inhuma dawn il-ġerħat u dawn it-tbatijiet biex infejquhom, biex nagħmlu penitenza permezz tal-grazzja tar-rikonċiljazzjoni. Fid-diskussjonijiet tagħhom, l-Isqfijiet tas-Sinodu għexu dak li għalih trid issir penitenza, dak li għalih hi meħtieġa l-maħfra ta' Alla.

Aħna u nagħarfu dan, aktar minn darba, tul il-laqgħat, ħarġet il-fehma li dan nuruh b'xi att komunitarju ta' penitenza, li kien is-suġġett tal-ħidma tagħna tul dawn il-ġimgħat.

Dan l-att penitenzjali kien il-*Via Crucis* f'egħluq is-Sinodu. Permezz tal-meditazzjoni fuq il-Passjoni ta' Kristu dħalna fil-ħsieb tas-Sena Mqaddsa tal-Fidwa li qed isseħħ f'kull knisja lokali. F'Ruma qed isseħħ fil-parroċċi, fil-Bażilki tal-belt, u l-aktar f'San Pietru.

Inrodd ħajr lill-isqfijiet kollha li miegħi taw bidu għas-sena mqaddsa fil-25 ta' Marzu u li qed jaraw li tiġi ċelebrata fid-djoċesijiet tagħhom.

Inrodd ħajr ukoll lil dawk li qed jiġu Ruma f'din is-sena mqaddsa. L-għadd tal-pellegrini, l-aktar f'dawn l-aħħar xhur, żdied ħafna. Huwa ta' faraġ li ħafna qed jersqu għas-*Sagrament tal-Penitenza*. Qed nieħdu ħsieb li jkun hemm saċerdoti biżżejjed biex iqarru.

Il-ħsieb ta' Ġublew Straordinarju fl-okkażjoni tal-1950 sena tal-Fidwa ġie ftit jew wisq tard.

L-ewwel aħbar ingħata f'Novembru tas-sena l-oħra, waqt laqgħa plenarja tal-Kardinali. Minkejja tħejjijiet ftit li xejn żgħar, l-inizjattiva, milli jidher, intlaqgħet ħafna. Milli jidher kienet qed twieġeb għal xi ħtieġa kbira. Din il-ħtieġa seħħet madwar il-misteru tal-Fidwa bħala għajn ta' rikonċiljazzjoni u penitenza fil-Knisja u fid-dinja tal-lum, u żgur turi t-tħassib tal-bniedem huwa u riesaq lejn it-tmiem tat-tieni elf sena wara Kristu.

Il-ħsieb tas-Sena Mqaddsa tal-Fidwa ġie wara l-ħsieb tal-laqgħa tas-Sinodu fuq 'ir-rikonċiljazzjoni u l-penitenza fil-missjoni tal-Knisja'. Fl-istess ħin ma tistax ma tintebaħx li ż-żewġ inizjattivi jgħinu 'l xulxin b'mod speċjali: li dawn iż-żewġ inizjattivi ħabtu flimkien għandna nqisuha bħala *ċirkostanza provvidenzjali*. B'hekk is-Sinodu, b'xi mod, ħiereġ minn dak li f'din is-Sena Mqaddsa l-Knisja trid tgħix bih, u fl-istess ħin il-Ġublew jikseb mill-ħidma tas-Sinodu studju teoloġiku u pastorali aktar fil-fond.

Ta' dan inrodd ħajr speċjali lill-Provvidenza ta' Alla u fl-istess ħin irrid inrodd ħajr lilkom u lill-isqfijiet kollha tal-Knisja. Dan għamiltu fil-ftuħ tas-Sinodu u issa nerġa' ntennih fl-egħluq. Inrodd ħajr għax *il-ħsibijiet u t-tħassib tagħna kienu miġburin fuq ħaġa kbira:* rikonċiljazzjoni u penitenza. Min-naħa tiegħi ħassejt ħtieġa kbira li ngħarbel dan il-problema li hu hekk importanti *għall-istess ħajja nisranija.* Dan urejtu fl-enċiklika 'Dives in misericordia': il-punti l-aktar importanti tagħha huma dwar il-*metanoia*, jiġifieri dwar il-penitenza bħala konversjoni, anzi konversjoni bla heda lejn Alla. Ir-rikonċiljazzjoni hi frott ta' din il-konversjoni — sew ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla u sew ir-rikonċiljazzjoni mal-bnedmin bħala ħutna.

B'dan il-mod il-penitenza (metanoia) u r-rikonċiljazzjoni jidhru bħala dimensjoni — anzi dimensjoni fondamentali — tal-ħajja nisranija kollha kemm hi. Is-Sinodu dwar "ir-rikonċiljazzjoni u l-penitenza" għalhekk għandu qabel xejn importanza eżistenzjali. Fih, b'xi mod, naslu fl-egħruq tal-ħajja nisranija fid-dinja tal-lum. Dan għandu jwassalna biex ninkwetaw ruħna minħabba l-kriżi tal-penitenza fis-suriet kollha tagħha. B'penitenza nifhmu wkoll dawk is-suriet kollha ta' mġiba li huma karatteristiċi tal-penitenza fi ħdan il-Poplu ta' Alla sew fit-Testment il-Qadim u sew fil-Ġdid.

"Is-sawm, il-karità, it-talb" — flimkien ma' suriet oħra ta' kuljum ta' penitenza li ġġiegħlena nagħmlu l-istess ħajja jew li nagħġlu li nagħmlu minn rajna — dawn it-tliet ħwejjeġ ifissru mhux biss xi egħmil (egħmil ta' penitenza), imma huma wkoll xhieda ta' rabta ħajja ma' Alla fl-istess sura ta' ħajja tal-bniedem li jemmen. Rabta kollha "metanoia". Il-konversjoni lejn Alla, iddur lejn Alla, jidher mhux biss fit-talb imma, wkoll billi "tinfatam" u "titbiegħed" mill-ħlejjaq (is-sawm), u dan l-aktar

meta huma ta' tfixkil għalina biex ningħaqdu ma' Alla. U fl-istess ħin hemm ukoll il-ftuħ lejn l-oħrajn *(il-karità)*.

It-tħassib pastorali tagħna hu dwar il-fehmiet li qed naraw fost l-insara, speċjalment f' ċerti ambjenti, u gruppi u soċjetajiet, neqsin mid-dimensjoni tal-penitenza. L-użu tas-sagrament tal-penitenza mhux xi ħaġa għaliha. Issib — jew ma ssibx, — l-egħruq tagħha f'din is-sura tal-ħajja fondamentali tal-bniedem meta tiġih is-sejħa ta' Kristu, li tinstema' sa mill-ewwel paġni ta' l-Evanġelju: *"Ikkonvertu — Indmu"*.

Qed iħassibni il-fatt, li wieħed, imħajjar mill-kurrent għat-tibdil, jasal biex jinqata' minn dik il-qagħda ta' penitenza, anzi minn dik id-drawwa "penitenzjali" tal-ħajja nisranija, li fl-imgħoddi kienet imfissra fl-irqaqat tagħha kollha, mingħajr ma jdaħħal f'lokha xi drawwa ġdida li taqbel aktar mal-ħtiġijiet u ma' dak li wieħed jista' jagħmel illum, drawwa ġdida li fl-istess ħin tkun ukoll espressiva u enerġika. Fi kliem ieħor: hemm tħassib li f'dan il-qasam hekk importanti għall-ħajja nisranija kollha, tal-'metanoia — penitenza' nissugraw li naslu għal *vojt "sui generis", għal sura ta' nuqqas*. Dan in-nuqqas, jekk iseħħ, jolqot il-"misteru" sħiħ tal-ħajja nisranija u mbagħad juri ruħu bil-mod kif iqis il-ħajja sagramentali u l-aktar is-sagrament tal-Penitenza u ta' l-Ewkaristija. Fl-enċiklika "Redemptor hominis" fittixt li niġbed l-attenzjoni fuq din il-ħaġa.

Dan hu t-tħassib — u naħseb li hu t-tħassib *tagħna lkoll* — li ħareġ mis-Sinodu tal-1983. Flimkien miegħu, deher tħassib ieħor marbut mal-ħafna tifsir li għandha l-kelma *rikonċiljazzjoni*, mhux biss fil-lingwaġġ reliġjuż ta' l-Iskrittura, imma wkoll fid-diskors lajk.

Hawn ninsabu fil-qasam ta' dawk il-ħafna laqgħat ta' djalogu li fuqhom kiteb Pawlu VI fi żmien il-Konċilju (enċiklika *Ecclesiam suam)*: djalogu fil-qasam ta' l-insara *(l-ekumeniżmu)*, djalogu fil-qasam tar-*reliġjonijiet mhux insara*, djalogu mad-*dinja*. Pawlu VI daħħan dawn l-oqsma ta' djalogu u fl-aħħarnett id-djalogu għas-salvazzjoni li daħħlu fil-qasam tal-missjoni tal-Knisja u taxxandir ta' l-Evanġelju *(Evangelii muntiandi)*. Is-Sinodu, huwa u jqis il-problema tar-rikonċiljazzjoni u l-penitenza, qies dan il-problema fi ħdan il-missjoni proprja tal-Knisja u taxxandir proprju ta' l-Evanġelju. Kemm l-ekumeniżmu u kemm it-tfittix ta' triqat biex wieħed jersaq lejn ir-reliġjonijiet mhux insara sabu ruħhom quddiem il-ħtieġa tar-rikonċiljazzjoni u l-penitenza.

Dwar imbagħad id-dinja tal-lum, qed naraw nuqqas ta' qbil dejjem jikber u ġlied kollu theddid ta' kemm-il sura. Kollha jitolbu *b'leħen għoli ir-rikonċiljazzjoni* — b'leħen għoli għaliex dejjem aktar ċara qed tidher il-qawwa tal-ħerbiet u tad-diżastri li bihom dan in-nuqqas ta' qbil dejjem jiżdied

qed ihedded il-familja kollha tal-bnedmin.

Fid-diskorsi tagħkom urejtu tħassib kbir għall-paċi fid-dinja. Il-qagħda fid-dinja hi serja ħafna u jien ukoll imħasseb ħafna. Il-Knisja trid tħabrek bil-mezzi kollha li għandha biex tbiegħed il-perikoli li qed iheddu s-sigurtà tad-dinja u biex tħeġġeġ lil min hu responsabbli fin-nazzjonijiet biex bil-qawwa kollha jaqbad it-triq li twassal għall-paċi sgura u sħiħa.

Il-Ħamis li għadda bgħatt messaġġ personali lill-Presidenti ta' l-Istati Uniti u tas-Sovjet Suprem ta' l-Unjoni Sovjetika, u tlabthom ma jiqfux jiddiskutu, għaliex dan huwa l-mezz waħdieni biex jegħlbu d-differenzi li hemm bejniethom u l-ġlied dwar l-interessi ta' xulxin ħa jwaqqfu l-ġirja għall-armi tal-gwerra li tant qed timla bil-biża' l-familja tal-bnedmin tal-lum.

Dan il-Knisja tħossu ħafna u ma tieqaf qatt tagħti *l-aħbar ta' paċi u ġustizzja* skond il-ħtiġijiet u t-theddid tad-dinja tal-lum. Dan jagħmlu kemm l-isqof ta' Ruma u kemm kull isqof, is-Sede appostolika u kull Episkopat għax iqisu li din il-predikazzjoni u din il-ħidma hi *parti mix-xandir ta' l-Evanġelju.*

Dan il-problema fis-Sinodu deher taħt dawl ġdid: hu parti integranti tar-rikonċiljazzjoni u l-penitenza, ta' dik il-"metanoiete" li, b'xi mod, hi l-ewwel kelma ta' l-Evanġelju. Jekk nistgħu u għandna nitkellmu b'*sens analoġiku,* fuq dnub soċjali u wkoll fuq "dnub strutturali" — għax fl-aħħar mill-aħħar id-dnub *hu egħmil ta' l-individwu* — għalina, bħala ragħajja u teoloġi, se jkun hemm dan il-problema: *x'sura ta' penitenza u x'sura ta' rikonċiljazzjoni għandu jkun hemm għal dan id-dnub 'analoġiku'?*

Is-Sinodu qies u fisser dan il-problema fid-dawl tas-sejħa ta' l-Evanġelju.

It-triq biex jingħeleb għal kollox id-dnub — f'kull sura u qjies tiegħu — hi t-triq ta' l-Evanġelju, imsejjaħ "metanoia": it-triq tar-rikonċiljazzjoni permezz tal-penitenza, jiġifieri l-konversjoni.

Milli jidher iż-żewġ problemi li fissirna juru kif għandha tkun *illum il-katekeżi penitenzjali tal-Knisja.* Il-katekeżi penitenzjali hi fl-istess ħin tħejjija għas-sagrament tal-penitenza. Jeħtieġ li aħna, fil-Knisja tal-lum, inħejju ruħna għas-Sagrament tal-penitenza b'katekeżi penitenzjali integrata kif jixraq. Fl-istess ħin irridu nżommu dejjem quddiem għajnejna, il-karattru personali ħafna ta' dan is-Sagrament, li iżda bla ebda mod ma jwarrab id-dimensjoni soċjali tad-dnub u l-penitenza. Irridu nżommu wkoll quddiem għajnejna li dan is-sagrament hu fil-qofol tal-pjan kollu tas-salvazzjoni, u r-rabta partikulari tiegħu mal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu u tal-Knisja.

Dan għaliex minnufih wara l-passjoni u l-mewt tiegħu, dak in-nhar stess li qam mill-imwiet, fl-ewwel żjara lill-Appostli miġburin fiċ-Ċenaklu,

Ġesù qal il-kliem: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw 20, 22-23).

Tant hu importanti dan il-kliem u dan il-fatt li stħoqqlu jkun importanti daqs l-Ewkaristija.

Tul is-Sinodu tkellimna ħafna fuq is-Sagrament tal-penitenza tal-Knisja wara l-Konċilju, fid-dawl ta' dak li hemm fl-"Ordo Paenitentiae". Kull kelma li ntqalet kienet turi li konna qed inħossu li għandna quddiemna problema kbir. Ma hemmx ħsieb ieħor ħlief dak li nagħmlu r-rieda tal-Mulej li tana u fdalna b'mod speċjali dan is-sagrament għall-ġid tal-Knisja u għas-salvazzjoni tal-bniedem. Din ix-xewqa dehret tul id-diskussjonijiet kollha u fl-aħħar uriet ruħha fil-"propositiones" tas-Sinodu.

Il-ftit żmien li għandi ma jippermettilix nitkellem fuq il-ħafna kwistjonijiet li stħarrġu fis-Sinodu dwar il-penitenza u r-rikonċiljazzjoni kemm fl-aspett dottrinali tgaħhom u kemm fil-prattika. Ikollhom stħarriġ sħiħ fid-dokument li, bil-għajnuna ta' Alla, ikollu miġbur fih l-għana kollu li ħareġ fis-Sinodu.

Din il-ġrajja tal-Knisja li llum se tasal għat-tmiem tagħha, ġiet imħejjija b'għaqal partikulari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-importanza tas-suġġett. Lil dawk li b'xi mod ħadu sehem verament attiv, nixtieq inroddilhom ħajr minn qalbi. B'mod speċjali nixtieq infakkar b'isimhom it-tliet Kardinali presidenti delegati, ir-relatur Kardinal Carlo Maria Martini, is-Segretarju ġenerali Mons. Josef Tomko u s-Segretarju speċjali P. Jose' Sarawa Martins. Ħsiebi jħaddan ukoll l-"auditores" u l-"auditrices" u l-kummissjonijiet u l-kumitati u s-servizz. Kulħadd ħadem b'impenn sħiħ u ħaqqu tifħir u ħajr. Ħajr ukoll lil dawk li bit-talb tagħhom waqfu max-xogħol u l-impenn ta' l-isqfijiet tas-Sinodu.

Tul it-tħejjija sar ukoll ħsieb dwar l-istess Sinodu, kif jista' jaħdem aktar sewwa u aħjar u tibdil jista' jsir ħa titjieb il-proċedura.

Dawn il-problemi kollha ssemmgħu mis-Segretarju Ġenerali fir-relazzjoni tiegħu tal-bidu. Pass ġdid kien ukoll dak ta' l-Isqof Javier Lozano Barragan li tana naraw, fid-dimensjoni ta' kull pajjiż, fid-dinja kollha, dak li seħħ mis-Sinodu tal-1980 fuq iż-żwieġ u l-familja fil-missjoni tal-Knisja.

Irrid min-naħa tiegħi inrodd ħajr għal dawn l-inizjattivi kollha. Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet li l-Knisja wirtet mill-Konċilju Vatikan II hu ġid tassew kbir. Jalla nkunu dejjem aktar konvinti b'dan. U kull sessjoni twettaqna f'din il-konvinzjoni. Jidhirli li b'dan il-kliem qed nuri l-ħsieb ta' kulħadd iżda nixtieq nuri wkoll il-ħsieb tiegħi.

Is-Sinodu ta' l-isqfijiet huwa manifestazzjoni verament għażiża tal-*kolleġġjalità episkopali tal-Knisja* — hu strument verament il jiswa. Forsi jista' jit-

jieb. Forsi r-responsabbiltà pastorali kolleġġjali fis-Sinodu tista' turi ruħha b'mod aktar sħiħ. Madankollu għandna nammettu li fis-sura li għandu u li fiha jaħdem illum (fis-sena tal-Mulej 1983) qed jagħti servizz kbir lill-Knisja. Dan is-servizz huwa importanti għall-ħajja tal-Knisja, biex tkun dak li hi tassew. Hu importanti wkoll għall-ministeru pastorali tagħna, għall-ministeru kolleġġjali tagħna.

L-istruttura tas-Sinodu tippermetti li aħna lkoll niksbu, fi żmien qasir, deħra sintetika, u, fl-istess ħin, biżżejjed dettaljata ta' problema determinat (tara), biex naraw għal-liema konklużjonijiet naslu tiġġudika) li jkunu ta' importanza għall-ħidma tal-Knisja (taġixxi). Is-Sinodu, nistgħu ngħidu, hu mezz ċkejken, iżda fl-istess ħin ukoll mezz biżżejjed effikaċi.

Jekk formalment l-aktar li jidher hu l-karattru konsultattiv tal-ħidma, mhux ħaġa tqila tintebaħ kemm għandhom, fl-istess ħin, piż kbir dawn "il-konsultazzjonijiet" tal-ħajja tal-Knisja. Għalhekk importanti ħafna d-dokumenti li joħorġu wara s-Sinodu jkunu mera tal-ħsieb tas-Sinodu kollu u tal-Papa li jippresedih uffiċjalment.

F'dan l-ispirtu nixtieq illum ngħid lil kull wieħed minnkom u lilkom ilkoll flimkien kemm napprezza x-*xirka sinodali* ta' dawn l-aħħar erba' ġimgħat. L-imħabba għall-Knisja titlob li din Ommna tkun dejjem aktar magħrufa — għax fuq din it-triq inkunu nistgħu naqduha dejjem aktar aħjar! Għal dan l-esperjenza tas-Sinodu, il-fatt li tiltaqa' ma' isqfijiet mid-dinja kollha u tisma' tant relazzjonijiet ta' nies ta' l-affari tgħaħhom, hi ħaġa tassew għażiża u importanti. Biħ nista' nifhem dejjem aktar aħjar il-Knisja li Kristu l-Mulej ried jafda f' idejna lkoll, huwa u jafdaha lill-Appostli u lil Pietru.

L-esperjenza ferrieħa ta' aħwa li għexna flimkien fi ħdan din il-komunità tas-Sinodu, iġġegħelni mmur bil-ħsieb f'xi wħud minn ħutna isqfijiet li, minkejja x-xewqa tagħhom u l-interess tas-Santa Sede, ma setgħux ikunu fostna. L-Episkopati tal-Litwanja, tal-Latvja u tal-Laos ma setgħux jieħdu sehem dirett f'din il-ġrajja importanti tal-Knisja għax ir-rappreżentanti tagħhom kienu assenti. L-episkopat taċ-Ċekoslovakkja seta' jkun preżenti biss b'rappreżentant wieħed mittnejn magħżulin. Dan is-Sinodu għalhekk ġie mċaħħad mill-kontribut li setgħu jagħtu dawn ħutna dwar il-qagħda pastorali f'pajjiżhom.

Il-komunità sinodali għandha fiha nfisha xi ħaġa minn dik l-ewwel laqgħa ta' l-Appostli madwar Omm Ġesù, waqt li kienu jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu nhar Għid il-Ħamsin.

Jalla din il-komunità Sinodali tagħna miġbura għar-"rikonċiljazzjoni u l-penitenza", immarkata bil-kanonizzazzjoni ta' S. Leopoldu Mandic, qaddej kbir tal-konfessjonarju, tħejji l-Knisja, biex bil-għajnuna ta' Omm Kristu, tirċievi l-Ispirtu

s-Santu, Spirtu ta' konversjoni u Spirtu ta' sliem.

Bħall-Appostli taċ-ċenaklu, hekk aħna ningħaqdu f'talba kollha ħeġġa ma' Marija Omm Kristu u Omm il-Knisja. Inħossu l-ħtieġa t-talb tagħha dwar dawn il-problemi kbar tal-kuxjenza tal-bniedem u dwar il-problemi li, fuq ix-xefaq tal-ħajja tal-familja kollha tal-bnedmin, qishom it-toqol kollu tbatija ta' żminijietna.

Fil-Knisja ta' Kristu biss, bl-interċessjoni ta' Omm dan it-toqol jista' jsir "ħelu u ħafif". Jista' jgħabbi spallejn il-bniedem bħala *toqol ta' salvazzjoni u sinjal ta' tama.*

**Diskors tal-Papa lill-Movimenti Marjani f'pellegrinaġġ Ruma fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru**

## MA' MARIJA NIMMEDITAW IL-MISTERU TAL-FIDWA TAD-DINJA

L-Evanġelista San Luqa jgħidilna li Marija "tħawdet" meta semgħet il-kliem ta' l-Arkanġlu Gabrijel meta ħabbrilha li kellha tkun Omm Alla, u bdiet taħseb bejna u bejn ruħha x' setgħet tfisser dik it-tislima.

Din il-meditazzjoni ta' Marija hu l-ewwel mudell tat-talba tar-Rużarju. Ir-Rużarju hu t-talba ta' dawk li jgħożżu t-tislima ta' l-Anġlu lil Marija. Dawk li jgħidu r-Rużarju jkomplu bil-ħsieb u f'qalbhom il-meditazzjoni ta' Marija għaliex huma u jlissnu t-tislima ta' l-Anġlu jaħsbu bejnhom u bejn ruħhom x'setgħet tfisser dik it-tislima.

L-ewwelnett itennu l-kliem li Alla stess qal lil Marija permezz ta' l-Anġlu tiegħu.

Dawk li jgħożżu t-tislima ta' l-Anġlu lil Marija jtennu kliem ġej minn Alla nnifsu. Aħna u ngħidu r-Rużarju, intennu spiss dan il-kliem. U din ma hijiex biss xi ripetizzjoni sempliċi u xejn iżjed. Il-kliem li qal Alla lil Marija u mlissna mill-Anġlu *għandhom tifsir għoli ħafna.* Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek..." "Imbierka inti fost in-nisa".

Dan il-kliem għandu rabta sħiħa mal-misteru tal-Fidwa. Il-kliem li bihom l-Anġlu sellem lil Marija jdaħħalna f'dan il-misteru u fl-istess ħin ifissrulna.

It-tifsir jagħtihulna l-qari mill-Ktieb tal-Ġenesi. Hu f'dan il-ktieb — fuq l-isfond ta' l-ewwel dnub tal-bniedem, id-dnub tan-nisel — li Alla jħabbar għall-ewwel darba l-misteru tal-Fidwa. Għall-ewwel darba juri x'se jagħmel fil-ġejjieni tal-ġrajja tal-bniedem u tad-dinja.

Ara, lix-xitan li deher f'sura ta' serp, igħidlu: "Inqajjem mibgħeda bejnek u bejn mara, bejn nislek u nisilha; hi tisħaqlek rasek u int tħebb għal għarqubha."

Il-kliem li semgħet Marija fit-tħabbira ta' l-Anġlu juru li kien wasal iż-żmien li sseħħ il-wegħda li hemm fil-ktieb tal-Ġenesi. Mill-proto-Evanġelju ngħaddu għall-Evanġelju. Se

jibda jseħħ il-misteru tal-Fidwa. L-Anġlu ta' Alla jsellem lill-"Mara", u din il-mara hija Marija ta' Nazaret. Isellmilha minħabba "Nisilha", li se tilqa' minn għand Alla stess: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-Qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek"... int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù".

Kilem verament deċiżiv. It-tislima ta' l-Anġlu hija l-bidu ta' *l-egħġubijiet kbar ta' Alla* fil-ġrajja tal-bniedem u tad-dinja. It-tislima ta' l-Anġlu tiftaħ il-bieb għall-Fidwa.

Ma għandniex għax nistagħġbu li Marija tħawdet mal-kliem ta' l-Anġlu. Meta Alla l-ħaj jersaq lejna iqanqal fina biża' qaddis. U lanqas għandna għalfejn nistagħġbu li Marija staqsiet x'setgħet tfisser dik it-tislima. Kliem l-Anġlu qegħdilha quddiemha l-misteru ta' Alla li ebda moħħ ma jista' jifhem; anzi, daħħalha fil-qalba tal-misteru. Mhux biżżejjed tkun taf dan il-misteru. Trid timmeditah dejjem mill-ġdid u dejjem aktar fil-fond. Għandu l-qawwa jimla mhux biss il-ħajja imma wkoll l-eternità.

U aħna koll li ngħożżu din it-tislima ta' l-Anġlu għandna nfittxu li nissieħbu ma' Marija f'din il-meditazzjoni tagħha. U dan nagħmluh l-ewwelnett bil-li ngħidu r-Rużarju.

Permezz tal-kliem ta' l-Anġlu, Marija qisha tara f'Alla l-ħajja kollha tagħha fid-dinja u fl-eternità.

Għaliex hija u tisma' li se tkun Omm l-Iben ta' Alla, hi ma tweġibx b'ferħ spiritwali, imma bil-"fiat" umli tagħna: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek."

U dan mhux forsi għaliex ġà ħasset in-niket li jinfed il-qalb tas-saltna "fuq it-tron ta' David" li kellha tkun ix-xorti ta' Ġesù? Fl-istess waqt l-Arkanġlu ħabbar ukoll li s-saltna tiegħu ma kienx se jkollha tmiem.

Bil-kliem tat-tislima ta' l-Anġlu lil Marija bdew jidhru l-misteri kollha li bihom kienet se sseħħ il-fidwa tad-dinja: misteri ta' ferħ, ta' tbatija u ta' glorja. L-istess bħalma jiġri fir-Rużarju.

Marija li bdiet taħseb x'setgħet tfisser dik it-tislima, qiesha daħlet f'dawn il-misteri kollha, hija u ddaħħal fihom lilna wkoll.

Iddaħħalna fil-misteri ta' Kristu li huma wkoll misteri tagħha. .Il-meditazzjoni tagħha waqt it-tħabbira ta' l-Anġlu tiftaħ it-triq għall-meditazzjonijiet tagħna aħna u ngħidu r-Rużarju.

Ir-Rużarju hu talba li biha, waqt li ntennu t-tislima ta' l-Anġlu lil Marija, nippruvaw niksbu mill-meditazzjoni tal-Verġni Mqaddsa l-ħsibijiet tagħna fuq il-misteru tal-Fidwa. Il-meditazzjoni ta' Marija — mibdija mit-tħabbira ta' l-Anġlu — tkompli fil-glorja tat-tlugħ fis-sema. Fil-ħajja ta' dejjem, Marija daħlet fil-fond tal-misteru tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u bħala Ommna tingħaqad ma' dawk li jgħożżu t-tislima ta' l-Anġlu u jtennuha waqt li jgħidu r-Rużarju.

F'din it-talba ningħaqdu

magħha bħalma ngħaqdu magħha l-Appostli fiċ-Ċenaklu wara li l-Mulej tela' fis-sema.... Il-kittieb ta' l-Atti ta' l-Appostli wara li jsemmi l-Appostli wieħed wieħed b'isimhom, jikteb: "ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija Omm Ġesù u ma' ħutu."

B'din it-talba kienu qed iħejju ruħhom ħa jirċievu l-Ispirtu s-Santu nhar Għid il-Ħamsin.

Marija, li dak in-nhar tattħabbira ta' l-Anġlu, kienet irċeviet l-Ispirtu s-Santu b'milja liema bħalha, kienet qed titlob magħhom. Il-milja ta' l-Ispirtu s-Santu fiha tatha wkoll milja speċjali ta' talb. B'din il-milja Marija titlob *għalina*, titlob *magħna*.

Bħala omm tgħasses fuq ittalb tagħna. Tiġbor flimkien ma' l-art kollha l-qtajja' kbar ta' dawk li jgħożżu t-tislima ta' l-Anġlu: huma, flimkien magħha, jimmeditaw il-misteru tal-Fidwa tad-dinja huma u jgħidu r-Rużarju.

U hekk il-Knisja bla heda tħejji ruħha ħa tirċievi l-Ispirtu s-Santu l-istess bħal nhar Għid il-Ħamsin.

Din is-sena taħbat il-mitt sena ta' l-enċiklika tal-Papa Ljun XIII *Supremi apostolatus* li biha dak il-Papa ordna li x-xahar ta' Ottubru ikun ix-xahar dedikat b'mod speċjali għall-ġieħ tal-Madonna tar-Rużarju. F' din l-enċiklika l-Papa juri bil-qawwa kollha, il-qawwa ta' l-għaġeb ta' din it-talba meta tingħaqad b'qalb safja u devota biex minn għand Missierna tas-sema, fi Kristu, u bl-interċessjoni tal-Verġni Marija niksbu l-ħarsien kontra kull deni li jista' jhedded l-insara u lill-bnedmin kollha u niksbu l-ogħla ġid ta' ġustizzja u sliem għal kull bniedem u għall-bnedmin kollha.

B'dan il-fatt storiku l-Papa Ljun XIII ma għamilx ħaġ'oħra ħlief issieħeb ma' ħafna Papiet ta' qablu, fosthom il-Papa San Piju V, u ħalla għall-Papiet ta' warajh li jkomplu jġibu 'l quddiem ir-Rużarju. Għalhekk jiena wkoll irrid ngħid lilkom ilkoll: agħmlu r-Rużarju katina li torbotkom ma' Alla permezz ta' Marija.

Qed nifraħ ħafna li flimkien magħkom qed niċċelebra l-liturġija tar-Reġina tar-Rużarju mqaddes. B'dan il-mod qed nissieħbu fil-Ġublew straordinarju tas-Sena tal-Fidwa... Flimkien induru lejn l-Omm ta' Alla b'imħabba kbira u ntennulha l-kliem ta' l-Anġlu: Sliem għalik, mimlija bil-grazzja. Il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa. U nisimgħu t-tweġiba ta' Marija mill-qofol tal-liturġija tal-lum: Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. Ara minn issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

"Eħlisna mill-gwerer u mid-dnubiet kontra l-ħajja"

## TALBA TAL-PAPA LILL-MADONNA

Taħt il-ħarsien tiegħek, nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla.

O Omm il-bnedmin u omm il-ġnus, int taf x'inhuma t-tbatijiet u t-tamiet kollha tagħhom, int li bħala omm, iġġarrab il-ġlied kollu bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn id-dawl u d-dlam li qiegħed iheżżeż id-dinja tallum, isma' l-għajta tagħna, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, u ħaddan miegħek, b'imħabba ta' Omm u ta' Qaddejja, din id-dinja tal-bnedmin li nafdawlek u nikkonsagrawlek, inkwetati kif aħna minħabba l-ġejjieni ta' issa u ta' dejjem tal-bnedmin u tal-popli.

B'mod speċjail nafdawlek u nikkonsagrawlek dawk il-bnedmin u dawk in-nazzjonijiet, li l-aktar jeħtieġu l-ħarsien tiegħek.

Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla. La twarrabx it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, la twarrbux! Ilqa' bil-qalb il-fiduċja ċkejkna tagħna, aħna li nafdaw fik! Alla hekk ħabb id-dinja li ta' 'l Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem (Ġw 3.6). Kienet din l-imħabba li wasslet l-Iben ta' Alla biex jikkonsagra lilu nnifsu biex huma wkoll jiġu ikkonsagrati permezz tal-verità. (Ġw 17, 19).

Bil-qawwa ta' din il-konsagrazzjoni, id-dixxipli ta' kull żmien huma msejħin biex jimpenjaw ruħhom għas-salvazzjoni tad-dinja, biex iżidu xi ħaġa mat-tbatijiet ta' Kristu għall-Ġisem tiegħu li huwa l-Knisja (ara 2 Kor 12, 13; Kol 1, 24).

Quddiemek, Omm Kristu, quddiem il-Qalb bla tebgħa tiegħek, irridu llum, flimkien mal-Knisja kollha, ningħaqdu mal-Feddej tagħna f'din il-konsagrazzjoni tiegħu għad-dinja u għall-bnedmin, li biss fil-Qalb tiegħu ta' Alla għandha l-qawwa tikseb il-maħfra u ġġib it-tpattija.

Il-qawwa ta' din il-konsagrazzjoni tibqa' tul iż-żmenijiet u tħaddan il-bnedmin, il-popli u n-nazzjonijiet kollha, u tegħleb kull ħażen li l-ispirtu tal-ħażen jirnexxilu jqajjem fil-qalb tal-bniedem u ta' ġrajjietu, u li fil-fatt qajjem fi żminijietna.

Ma' din il-konsagrazzjoni tal-Feddej tagħna, tingħaqad il-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu.

Kemm inħossu l-ħtieġa ta' din il-konsagrazzjoni għall-familja kollha tal-bnedmin u għad-dinja, għad-dinja tallum, f'għaqda ma' Kristu stess! Il-ħidma tal-fidwa ta' Kristu trid tasal fid-dinja permezz tal-Knisja.

Kemm iweġġagħna għalhekk dak kollu li fil-Knisja huwa kontra l-qdusija u l-konsagrazzjoni! Kemm iweġġagħna l-fatt li l-istedina għall-penitenza, għall-konversjoni, għat-talb, ma ġietx milqugħa kif għandha tkun!

Kemm iweġġagħna l-fatt li tant nies huma hekk bierda

biex jissieħbu fl-opra tal-fidwa ta' Kristu, li ma jtemmux biżżejjed f'ġisimhom dak li jonqos mill-passjoni ta' Kristu għall-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja!

Imberkin għalhekk dawk kollha li jilqgħu s-sejħa ta' l-imħabba ta' dejjem! Imberkin dawk li, jum wara l-ieħor, b'ġenerożità liema bħalha, jilqgħu l-istedina tiegħek, o Omm, biex jagħmlu dak li jgħidilhom Ġesù tiegħek, u jagħtu lill-Knisja u lid-dinja xhieda hienja ta' ħajja mnebbħa mill-Evanġelju.

Tkun imbierka fuq kollox, o Qaddejja tal-Mulej, għax b'mod hekk sħiħ weġibt għas-sejħa ta' Alla!

Sliem għalik, int li ntrabatt għal kollox mal-konsagrazzjoni ta' Ibnek għall-fidwa tad-dinja!

Omm il-Knisja! Dawwal il-poplu ta' Alla fit-triq tal-fidi, tat-tama u ta' l-imħabba. Għinna ngħixu l-verità sħiħa tal-konsagrazzjoni ta' Kristu għall-familja kollha tal-bnedmin fid-dinja tal-lum.

Aħna u nafdawlek, o Marija, id-dinja, il-bnedmin kollha u l-popli kollha, nafdaw ukoll din il-konsagrazzjoni għad-dinja lill-qalb tiegħek ta' Omm.

O qalb bla tebgħa ta' Marija! għinna nirbħu t-theddida tal-ħażen li malajr jagħmel egħruq fi qlub il-bnedmin tal-lum, u l-effetti ta' din it-theddida li ħadd ma jista' jqishom, qisha qiegħda tagħlaq fi żmienna kull triq għall-ġejjieni.

Mill-ġuħ u mill-gwerer eħlisna, Mulej!

Minn gwerra nukleari, li twassal għall-ħerba bla qjies, minn kull sura ta' gwerra, eħlisna, Mulej!

Mid-dnubiet kontra l-ħajja tal-bniedem sa mill-bidu tat-tnissil tiegħu, eħlisna, Mulej!

Ilqa', Omm Kristu, din l-għajta kollha tiġrib tal-bnedmin kollha, mimlija tbatija ta' soċjetajiet sħaħ!

Ħa tidher darb'oħra, fil-ġrajja tad-dinja, il-qawwa ta' l-imħabba kollha ħniena! Ħa twaqqaf il-ħażen! Ħa tbiddel il-kuxjenzi!

Fil-qalb bla tebgħa tiegħek, o Omm ħanina, ħa jerġa' jiddi għal kulħadd id-dawl tat-tama! Amen.

**Mid-diskorsi tal-Papa waqt l-Angelus ta' nhar ta' Ħadd**

## IR-RUŻARJU

1. *Talba tas-solidarjetà bejn il-bnedmin*

F'dan ix-xahar ta' Ottubru, li skond it-tradizzjoni huwa x-xahar tar-Rużarju, nixtieq li d-diskors qasir tiegħi qabel l-Angelus ikun dwar din it-talba hekk għażiża għall-kattoliċi, tant maħbuba minni u li tant irrikmandawha l-Papiet ta' qabli.

F'din is-sena mqaddsa tal-Fidwa, ir-Rużarju wkoll jieħu suriet ġodda u jikseb fehmiet aktar qawwija u aktar wesgħin mill-imgħoddi. Illum, permezz tar-Rużarju, mhux se nitolbu rebħiet kbar fuq it-Torok bħar-rebħiet ta' Vjenna u ta' Lepanto, imma bir-Rużarju rridu nitolbu lill-Verġni Marija l-grazzja li nkunu gwerriera qalbiena kontra l-ispirtu tal-qerq u tal-ħażen, bl-armi ta' l-Evanġelju, li huma s-Salib u l-Kelma ta' Alla.

Ir-Rużarju hu talba tal-bniedem għall-bniedem; hu t-talba tas-solidarjetà bejn il-bnedmin, hu t-talb flimkien tal-mifdijin kollha, li turi l-ispirtu u l-fehmiet ta' l-ewwel waħda fost il-mifdijin kollha, Marija, omm u xbieha tal-Knisja: talba għall-bnedmin kollha tad-dinja u ta' l-istorja ħajjin u mejtin, imsejħin biex ikunu magħna Ġisem ta' Kristu biex miegħu jsiru werrieta tal-glorja tal-Missier.

Aħna u nqisu l-orjentamenti spiritwali li jissuġġerilna r-Rużarju, talba sempliċi u evanġelika (*Marialis cultus* 46), insibu l-istess fehmiet li San Ċiprijanu jurina li nsibu fil-*Missierna*. Hu kiteb: "L-Imgħallem tas-sliem u Missier il-għaqda ma jridniex nitolbu għal rasna, bħallikieku qegħdin nitolbu għalina biss. Ma ngħidux: "Missieri, li inti fis-smewwiet" u lanqas "il-ħobża ta' kull jum"; ... it-talb tagħna nagħmluh flimkien... u meta nitolbu, nitolbu mhux kull wieħed għal rasu, imma għall-poplu kollu, għaliex aħna lkoll aħna ħaġa waħda flimkien" (*De dominica oratione* 8).

Fir-Rużarju nitolbu bla heda lil Dik li hi d-dehra l-aktar għolja tal-familja tal-bnedmin hija u titlob, Dik li hi x-xbieha tal-Knisja hi u titlob u tittallab, fi Kristu, il-ħniena tal-Missier. Kif Kristu huwa dejjem ħaj biex jidħol għalina (7, 25) hekk Marija fis-sema tkompli taqdi l-missjoni tagħha ta' Omm u tagħti leħen lil kull bniedem għal kull bniedem, sakemm jintemm l-għadd tal-magħżulin kollha (ara Lumen gentium, 62). Aħna u nitolbu, lilha nitolbuha tgħinna tul ħajjitna kollha, issa u l-aktar fis-siegħa tal-mewt tagħna, il-mument l-aktar deċiżiv għall-ħajja tagħna ta' dejjem.

Ir-Rużarju huwa talba li turina s-Saltna ta' Alla li rridu niksbu u tmexxi l-bnedmin ħa jiksbu l-frott tal-fidwa.

(2-10-1983)

*2. Ir-Rużarju tifkira tal-Fidwa*

Fost l-aspetti kollha li raw fir-Rużarju, il-Papiet, il-Qaddisin u l-għorrief, hemm aspett li ma nistgħux ma nsemmuhx f'din is-sena tal-Ġublew tal-Fidwa. Ir-Rużarju huwa tifkira dejjem sejra tal-Fidwa, fil-mumenti l-aktar importanti tagħha: l-inkarnazzjoni tal-Verb, il-Passjoni u l-mewt tiegħu, il-Għid li ta bidu għalih u li jasal fil-milja tiegħu fil-ħajja ta' dejjem fis-sema.

Jekk inqisu dak li nikkontemplaw fir-Rużarju, jiġifieri l-misteri li nikkontemplaw aħna u nlissnu t-talb bil-fomm, naslu biex nifhmu aħjar għaliex din il-kuruna ta' avemarijiet ġie msejjaħ "is-salterju tal-Verġni Marija". Bħalma s-salmi kienu jfakkru lil ulied Israel l-egħġubijiet tal-ħruġ mill-Eġittu u l-ħelsien mogħti lilhom minn Alla, u bla heda kienu jfakkru l-poplu biex jibqa' fidil għall-patt tas-Sinaj, hekk ir-Rużarju jfakkar bla heda lill-poplu tal-Patt il-ġdid l-egħġubijiet ta' ħniena u ta' qawwa li Alla wettaq fi Kristu għalina l-bnedmin u jsejħilna biex inkunu fidili għall-wegħdiet li għamilna fil-Magħmudija. Aħna l-poplu ta' Alla, u hu Alla tagħna.

Iżda din it-tifkira ta' l-egħġubijiet ta' Alla, din is-sejħa li ma tieqaf qatt biex nibqgħu fidili lejn Alla, b'xi mod issir permezz tal-Verġni Marija, fil-fedeltà tagħha lejn Alla. L-avemarijiet, waħda wara l-oħra, igħinuna biex kull darba nidħlu dejjem aktar 'il ġewwa fil-misteru kbir ta' Alla magħmul bniedem għalina biex isalvana (Lumen gentium 65) "bil-qalb ta' dik li kienet l-aktar qrib tal-Mulej" (Marialis cultus, 47). Għaliex Marija wkoll, bħala Bint Sijon u werrieta ta' l-ispiritwalità ta' Israel, xandret l-egħġubijiet ta' Alla fil-ħruġ mill-Eġittu, imma bħala l-ewwel dixxiplu u d-dixxiplu l-aktar perfett ta' Kristu, għexet minn qabel l-Għid tal-Patt il-ġdid, hija u tgħożż f'qalbha u taħseb kull kelma u kull egħmil ta' Binha, hija u tissieħeb miegħu b'fedeltà liema bħalha u hija u turina t-triq tal-Patt il-ġdid: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2, 5). Fil-glorja tas-sema, Marija turina kif fiha seħħet il-mixja tal-poplu ġdid ta' Alla lejn l-Art imwegħda.

Jalla mela r-Rużarju jdaħħalna fil-misteri ta' Kristu u fix-xbieha ta' Ommna jurina lil kull min jemmen u lill-Knisja kollha l-mod l-aktar perfett kif wieħed jilqa' u jgħożż u jgħix kull kelma u kull grajja ta' Alla fil-mixi għadu sejjer tas-salvazzjoni tad-dinja.

(9-10-83)

*3. Ir-Rużarju jgħolli 'l fuq is-sentimenti tal-bniedem*

Ir-Rużarju huwa talba nisranija, evanġelika u ekklesjali, u hu wkoll talba li tgħolli 'l fuq is-sentimenti u x-xewqat tal-bniedem.

Fil-misteri tal-ferħ naraw xi ftit minn dan kollu: l-hena tal-familja, ta' l-omm, tal-qraba, tal-ħbieb, ta' l-għajnuna 'l xulxin. Dan il-ferħ u l-hena, li d-dnub ma ħassarx għal kollox,

Kristu, meta twieled, ħadhom għalih u qaddishom. Dan għamlu permezz ta' Marija. Permezz tagħha, aħna, illum ukoll, nistgħu jkollna dan il-ferħ u l-hena tal-bniedem: fihom infushom huma ħaġa sempliċi u ċkejkna, iżda f'Marija u Ġesù jsiru ħaġa kbira u qaddisa.

F'Marija, verġni għarusa ta' Ġużeppi u omm bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, hemm il-hena ta' l-imħabba safja tal-miżżewġin u ta' l-ommijiet mil-qugħa u mħarsa bħala don ta' Alla; f'Marija li tmur iżżur lil Elisabetta hemm il-ferħ tal-qadi ta' l-aħwa waqt li twasslilhom il-preżenza ta' Alla; f' Marija li turi lir-ragħajja u lill-Maġi l-mistenni ta' Israel hemm il-qsim ma' ħaddieħor tal-ferħ ħiereġ mill-qalb u kollu fiduċja, li hu ħaġa proprja tal-ħbiberija; f'Marija li fit-tempju toffri 'l Binha lill-Missier tas-Sema, hemm il-ferħ, imħallat mat-tħassib, li hu proprju tal-ġenituri u tal-għalliema għal uliedhom u għal dawk li jgħallmu; f'Marija, li wara tlitt ijiem issib 'il Ġesù, hemm il-ferħ li ġġarrab omm li taf li binha hu ta' Alla qabel ma hu tagħha.

(23-11-83)

*4. Fil-Passjoni ta' Kristu nikkontemplaw it-tbatija tal-bniedem*

Fil-misteri tat-tbatija, nikkontemplaw fi Kristu t-tbatijiet kollha tal-bniedem: fi Kristu fl-agunija, ittradut, abbandunat, maqbud, mitfugħ il-ħabs; fi Kristu mtella' l-qorti bla ħtija u ifflaġellat; fi Kristu mwaqqa' għaċ-ċajt fil-missjoni tiegħu; fi Kristu ikkundannat bis-setgħa ta' l-Istat kompliċi ma' l-egħdewwa tiegħu; fi Kristu meħud pubblikament għall-mewt, u għall-mewt l-aktar mistkerrħa; fi Kristu, il-Bniedem tan-niket imħabbar minn Isaija, insibu miġbur u mqaddes kull niket tal-bniedem.

Qaddej tal-Missier, il-kbir fost ħafna aħwa, u Ras tal-familja kollha tal-bnedmin, hu jbiddel it-tbatija tal-bniedem f'offerta li togħġob lil Alla, f' sagrifiċċju ta' fidwa. Hu l-Ħaruf li jneħħi d-dnub tad-dinja, ix-xhud fidil li fih jiġbor kull martirju u jagħmlu kapaċi jimmerita.

Fit-triq tat-tbatija u fuq il-Kalvarju hemm Ommu, l-ewwel Martri. U bil-qalb ta' l-Omm, li lilha fuq is-Salib fdalha b'testment kull dixxiplu u kull bniedem, nikkontemplaw bi qsim il-qalb it-tbatijiet ta' Kristu u minnu nitgħallmu nobdu sal-mewt, sal-mewt tas-Salib; u nitgħallmu minnha nilqgħu bħala ħuna kull bniedem biex magħha nieqfu ħdejn is-slaleb bla għadd li fuqhom sal-lum ukoll hu msallab inġustament mħux fil-ġisem glorjuż tiegħu, imma fil-membri mġarrba tal-Ġisem mistiku tiegħu, il-Mulej tal-Glorja.

(30-10-83)

*5. Fir-Rużarju jieħdu mill-ġdid il-ħajja t-tamiet tan-nisrani*

Fil-misteri tal-glorja tar-Rużarju jerġgħu jieħdu l-ħajja t-tamiet tan-nisrani: it-tamiet

tal-ħajja ta' dejjem li jimpenjaw is-setgħa bla qjies ta' Alla, u t-tamiet taż-żmien ta' issa li jimpenjaw lill-bnedmin biex jikkollaboraw ma' Alla.

Fi Kristu li jqum mill-imwiet, id-dinja kollha tqum u jkun hemm smewwiet ġodda u art ġdida li tilħaq il-milja tagħha fit-tieni miġja tal-Mulej talglorja meta "ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel" (Apok 21, 4).

Fi Kristu tielgħa s-sema nnatura tagħna l-bnedmin togħla u toqgħod fil-leminija ta' Alla, u d-dixxipli tal-Mulej jirċievu l-missjoni li jxandru l-Bxara t-tajba lid-dinja. Barra dan, il-Mulej, meta tela' s-sema ma telaqx mid-dinja: inħeba f' wiċċ kull bniedem u l-aktar f' wiċċ il-bnedmin l-aktar imsejkna: il-fqar, il-morda, l-imwarrbin, il-maħqurin...

Meta bagħat l-Ispirtu s-Santu nhar Għid il-Ħamsin, ta liddixxipli tiegħu l-qawwa li jħobbu u jxandru l-verità, talab xirka għall-bini ta' dinja li tixraq il-bniedem mifdi; u ta l-qawwa li kull ħaġa titqaddes bit-twettiq tar-rieda tal-Missier tas-Sema. B'hekk kebbes mill-ġdid fil-qalb ta' min jagħti l-ferħ li jagħti, u f'qalb l-imsejken il-ħsieb li hemm min iħobbu.

Fil-glorja tal-Verġni Marija mifdija u mtellgħa s-sema, naraw, fost ħwejjeġ oħra, kemm għolew 'il fuq ir-rabtiet taddemm u tal-familja. Kristu igglorifika lil Marija mhux biss għax kienet bla tebgħa u l-Arka tal-presenza ta' Alla, imma wkoll biex, bħala Iben, jagħti ġieħ lil Ommu: fis-sema ma jinkisrux ir-rabtiet qaddisa ta' l-art. Anzi; fil-ħerqa ta' Marija Verġni u Omm, imtellgħa ssema biex tkun l-Avukata tagħna, xbieha tal-Knisja rebbieħa, naraw dik li tqanqal l-imħabba kollha ħerqa tal-mejtin tagħna għalina, imħabba li ma spiċċatx mal-mewt, iżda tqawwiet fiddawl ta' Alla.

Fl-aħħarnett fid-deħra ta' Marija igglorifikata fil-ħlejjaq kollha niċċelebraw il-misteru eskatoloġiku tal-familja kollha tal-bnedmin magħquda ħaġa waħda mill-ġdid minn Kristu, mingħajr aktar ebda firda, ebda pika, li ma tkunx li jgħaddu 'l xulxin fl-imħabba. Għax Alla hu mħabba.

Fil-misteri tar-Rużarju għalhekk nikkontemplaw u ngħixu l-ferħ, it-tbatijiet u l-glorja ta' Kristu u ta' l-Omm qaddisa tiegħu, li jsiru l-ferħ, it-tbatijiet u t-tamiet tal-bniedem.

(6-11-83)

Sacra Congregatio pro Doctrina Fidei

## DECLARATIO DE ASSOCIATIONIBUS MASSONICIS

Quaesitum est an mutata sit Ecclesiae sententia circa associationes massonicas, propterea quod in novo Codice Iuris Canonici de ipsis non fit mentio expressa sicut in vetere Codice.

Sacra haec Congregatio respondere valet talem circumstantiam tribuendam esse criterio in redactione adhibito, quod servatum est etiam quoad alias associationes pariter silentio praetermissas eo quod in categoriis latius patentibus includebantur.

Perstat igitur immutata sententia negativa Ecclesiae circa associationes massonicas, quia earum principia semper inconciliabilia habita sunt cum Ecclesiae doctrina ideoque eisdem adscriptio ab Ecclesia prohibita remanet. Christifideles qui associationibus massonicis nomen dant in peccato gravi versantur et ad Sacram Communionem accedere non possunt.

Auctoritatibus ecclesiasticis localibus facultas non est proferendi iudicium circa naturam associationum massonicarum quod secumferat supradictae sententiae derogationem, ad mentem Declarationis Sacrae huius Congregationis, die 17 februarii 1981 factae (Cf. AAS 73 / 1981 / pp. 240-241).

Hanc Declarationem in Conventu ordinario huius S. Congregationis deliberatam, Summus Pontifex Ioannes Paulus PP. II, in Audientia infrascripto Cardinali Praefecto concessa, adprobavit et publici iuris fieri iussit.

Romae, ex Aedibus S. Congregationis pro Doctrina Fidei, die 26 novembris 1983.

JOSEPHUS Card. RATZINGER
*Praefectus*

✠ Fr. HIERONYMUS HAMER, O.P.
*Archiep. tit. Loriensis*
*Secretarius*

**Ċirkolari tal-Konferenza Episkopali Maltija**

## IL-KODIĊI L-ĠDID TAL-LIĠI KANONIKA

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Novembru, l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, ser jibda jseħħ il-Kodiċi l-Ġdid tal-Liġi tal-Knisja, imsejjaħ ukoll il-Liġi Kanonika. Din hija ġabra ta' liġijiet imfassla fuq it-tagħlim u l-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II. Dan iħares lejn il-Knisja bħala l-għaqda ta' dawk kollha li permezz tal-magħmudija huma magħqudin flimkien fi Kristu. L-insara kollha — isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi u lajċi — għalkemm b'modi differenti, għandhom sehem attiv u mportanti xi jwettqu fil-ħidma tal-Knisja.

Il-Liġi l-Ġdida tal-Knisja tgħodd b'mod ġenerali għall-insara mad-dinja kollha iżda f'diversi affarijiet tħalli f'idejn l-Isqfijiet tal-post biex jiddeċiedu x'għandu jsir fid-djoċesijiet tagħhom. Bħala eżempju nsemmu l-ġranet ta' penitenza li skond il-Liġi l-Ġdida għandhom ikunu mhux biss fil-ġranet kollha tar-Randan, iżda kull nhar ta' Ġimgħa. Il-Liġi ssemmi l-obbligu ta' sawm u astinenza nhar Ras ir-Randan u nhar il-Ġimgħa l-Kbira — kif ilu jsir is-snin. Iżda ssemmi wkoll li kull nhar ta' Ġimgħa issa hemm l-obbligu ta' l-astinenza. Madankollu, dwar din il-ħaġa kif ukoll dwar għadd ta' ħwejjeġ oħra, il-Liġi tal-Knisja ħalliet f'idejn l-Isqfijiet tal-post biex jiddeċiedu x'għandu jsir fid-djoċesijiet tagħhom. Hemm żmien sal-bidu tal-1985 biex dawn il-liġijiet partikolari jsiru.

Il-Konferenza Episkopali Maltija ddeċidiet li sakemm noħorġu dawn il-liġijiet partikolari, kollox jibqa' kif inhu bħalissa f'dawk l-affarijiet kollha imħollija f'idejna. Meta niddeċiedu li nagħmlu xi tibdil, navżawkom fi żmien xieraq.

Waħda mill-bidliet li nsibu hija dwar l-età li fiha l-liġi tal-Knisja tqis lil dak li jkun bħala adult. Issa din hija l-età ta' tmintax-il sena u mhux ta' wieħed u għoxrin. Din l-età tgħodd kemm għad-drittijiet kif ukoll għad-dmirijiet, p.e. issa dawk li għalqu t-tmintax-il sena ser ikunu obbligati għas-sawm. L-obbligu għall-astinenza baqa', kif kien s'issa, jiġifieri ta' erbatax-il sena.

Il-Liġi l-Ġdida tal-Knisja ssemmi wkoll li wieħed ikun jista' jerġa' jitqarben fl-istess jum basta jagħmel dan waqt quddiesa li jkun qed jieħu sehem fiha. Din il-parti tal-Liġi ngħatat interpretazzjonijiet differenti. Aħna navżaw li min ikun diġà tqarben darba jista' jerġa' jitqarben fl-istess ġurnata darba oħra biss (jiġifieri darbtejn b'kollox) u waqt quddiesa oħra li jkun qed jisma'.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 22 ta' Novembru 1983.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

† Nikol G. Cauchi
Isqof ta' Għawdex

## ĠUŻEPPI MERCIECA

### GĦALL-GRAZZJA T'ALLA U TAS-SEDE APOSTOLIKA ARĊISQOF TA' MALTA

B'żieda u kjarifika ta' l-Istruzzjoni tal-Kurja Arċiveskovili, maħruġa fis-17 ta' Ġunju 1964, dwar ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija tal-Persuni Adottati, nistabbilixxi illi:

1. F'każ li d-Digriet ta' Adozzjoni mogħti mill-Qorti Ċivili jawtorizza tibdil fl-isem ta' l-adottat, ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija fir-Reġistru tal-Persuni Adottati ssir bl-isem ġdid approvat mill-Qorti.

2. Jekk il-Magħmudija tiġi ċelebrata wara li jkun ingħata d-Digriet ta' Adozzjoni mill-Qorti Ċivili, din il-Magħmudija tiġi reġistrata mill-ewwel fir-Reġistru tal-Magħmudija tal-Persuni Adottati tal-Parroċċa, b'indikazzjoni tal-post u data tal-Magħmudija, tal-Ministru, tal-post u data tat-twelid, ta' l-ismijiet u kunjomijiet u isem il-Missier ta' l-adottant jew adottanti, tad-data tad-Digriet ta' adozzjoni mogħti mill-Qorti Ċivili, u tal-parrinijiet.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 25 ta' Novembru 1983.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

Annetto Depasquale
Kanċellier

## ĠUŻEPPI MERCIECA

### GĦALL-GRAZZJA T'ALLA U TAS-SEDE APOSTOLIKA ARĊISQOF TA' MALTA

B'riferenza għall-kanoni 895 tal-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi Kanonika, dwar ir-reġistrazzjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma ta' l-Isqof (Konfermazzjoni) nistabilixxi illi:

1. Fil-Parroċċi jkomplu jinżammu r-Reġistri tal-Griżma ta' l-Isqof (Konfermazzjoni). F'dawn ir-Reġistri għandhom jiġu reġistrati ċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Griżma ta' l-Isqof li jsiru fil-Parroċċa skond il-modi stabilit fil-kanoni 895 jew modi aktar dettaljati li jistgħu jiġu stabiliti minn żmien għal żmien.

2. Il-Kappillani għandhom ikomplu jibagħtu fil-Kurja Arċiveskovili s-summarju ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet fuq il-formuli maħruġa għal dan il-għan. Dan għandu jsir kull sena li fiha tkun ġiet ċelebrata l-Griżma ta' l-Isqof b'mod komunitarju fil-Parroċċa.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 25 ta' Novembru 1983.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

Annetto Depasquale
Kanċellier

## ĠUŻEPPI MERCIECA

GĦALL-GRAZZJA T'ALLA U TAS-SEDE APOSTOLIKA
ARĊISQOF TA' MALTA

B'riferenza għall-kanoni 8 tal-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi Kanonika nistabilixxi illi, b'effett mmedjat:

1. Il-Liġijiet Partikulari u d-Digrieti Ġenerali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta jiġu promulgati permezz tal-pubblikazzjoni fil-Bullettin ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, sakemm f'każijiet partikulari ma jiġix stabilit mod ieħor ta' promulgazzjoni.

2. Dawn il-Liġijiet u Digrieti jibdew jobbligaw xahar wara li jkunu ġew promulgati, sakemm ma jkunx hemm terminu ieħor iffissat fl-istess Liġi jew Digriet.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 26 ta' Novembru 1983.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

Annetto Depasquale
Kanċellier

## ĠUŻEPPI MERCIECA

GĦALL-GRAZZJA T'ALLA U TAS-SEDE APOSTOLIKA
ARĊISQOF TA' MALTA

Bil-ħsieb li r-Reverendi Kappillani jkollhom normi uniformi dwar kif jinżammu r-Reġistri Parrokkjali f'konformità mal-kanoni 535 tal-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi Kanonika u skond il-ħtiġijiet ta' llum, qiegħed nippubblika Istruzzjoni dwar ir-Reġistri Parrokkjali.

Din l-Istruzzjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1984.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Diċembru 1983.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

Annetto Depasquale
Kanċellier

## 1. ISTRUZZJONI DWAR REĠISTRI PARROKKJALI

1.1 Il-Kappillani għandhom iżommu bl-ikbar eżattezza u fedeltà ir-reġistrazzjoni tal-MAGĦMUDIJA, GRIŻMA TA' L-ISQOF (KONFERMAZZJONI), ŻWIEĠ U MEWT li jsiru jew jiġru fil-parroċċa tagħhom, f'reġistri separati. Għandu jkollhom ukoll reġistru tal-MAGĦMUDIJA TAL-PERSUNI ADOTTATI. Fl-Arkivju Sigriet tal-Parroċċa għandhom iżommu Reġistru Sigriet ta' l-ADOZZJONIJIET kif ukoll kopji tad-Digrieti ta' l-Ordinarju dwarhom.

1.2 Ir-reġistrazzjoni ta' dawn is-Sagramenti u tal-mewt għandha tingħata numru konsekuttiv fl-ordni kronoloġiku tar-reġistrazzjoni, li jibda mill-ġdid kull sena. Il-paġni tar-reġistri jkunu enumerati u ebda spazju jew paġna ma għandhom jitħallew mhux użati. Il-volumi wkoll jingħataw numru f'ordni kronoloġiku.

1.3 Mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata wara, il-Kappillan għandu:—

i) jagħmel ir-Reġistrazzjoni tal-Magħmudijiet, Griżma ta' l-Isqof, Żwiġijiet u Mwiet fir-Reġistri Parrokkjali;

ii) jibgħat in-notifikazzjoni ta' Żwiġijiet u Griżma ta' l-Isqof li jsiru fil-Parroċċa tiegħu ta' persuni mgħammdin f'parroċċi oħra lill-Kappillani tal-Parroċċi fejn tgħammdu l-persuni konċernati;

iii) iniżżel in-noti marġinali ta' Żwiġijiet u Griżma kif ukoll ta' l-Ordni Sagri, ta' professjoni perpetwa f'Istitut Reliġjuż, jew f'każ ta' tibdil tar-Rit, fejn ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' persuni il rċevew il-Magħmudija fil-Parroċċa; dan għandu jsir ukoll fil-każ li l-Griżma ta' l-Isqof jew Żwieġ ikunu ġew ċelebrati fl-istess Parroċċa tal-Magħmudija;

iv) iniżżel ukoll fil-marġini nota ta' digrieti u istruzzjonijiet uffiċjali li jirċievi mill-Kurja u li jolqtu dawn ir-reġistrazzjonijiet.

1.4 Dawn ir-reġistrazzjonijiet għandhom isiru jew mill-Kappillan personalment, jew minn saċerdot jew persuni oħra mqabbdin mill-Kappillan u li l-Kappillan ikun ċert mill-kompetenza tagħhom.

Il-Kappillan jibqa' dejjem fid-dmir li jikkontrolla u jiffirma kull waħda minn dawn ir-reġistrazzjonijiet.

1.5 IR - REĠISTRAZZJONI għandha ssir b'mod ċar u leġibbli u fuq naħa waħda tal-paġna għandu jitħalla marġini biex ikunu jistgħu jitniżżlu fih l-annotazzjonijiet tal-Griżma ta' l-Isqof, Żwieġ, Ordinazzjoni, Professjoni Reliġjuża perpetwa, Mewt, u noti oħrajn bħal dispensi, annullamenti, korrezzjonijiet awtorizzati, eċċ. Id-dati għandhom jitniżżlu kemm bil-kliem, kif ukoll bin-numri, f' dawn il-każijiet: tal-Magħmudija u tat-Twelid fir-Reġistrazzjoni tal-Magħmudija; tal-Gri-

żma ta' l-Isqof, taż-Żwieġ u tal-Mewt fir-Reġistrazzjonijiet korrispondenti.

1.6 L-ATTI REĠISTRATI ma jistgħu qatt u għall-ebda raġuni jiġu korretti jekk mhux b'digriet tal-Kurja. Il-kontenut tad-digriet u d-data għandhom jinkitbu fil-marġini, filwaqt li d-digriet innifsu jintrefa' fl-Arkivju Parrokkjali.

1.7 Ebda kelma miktuba ma tista' tiġi mħassra, iżda għandha tibqa' tinqara sakemm l-Ordinarju ma jagħtix direttivi oħra: f'każ ta' xi żball, il-kelma żbaljata għandha tiġi interlinejata u inizjalata mill-Kappillan waqt li fil-marġini jingħad li "l-kelma interlinejata ġiet kanċellata", jew li "l-kelma interlinejata ġiet kanċellata u sostitwita bil-kelma...", u din innota marġinali wkoll tiġi inizjalata u datata.

1.8 Ir-Reġistrazzjonijiet isiru bil-Malti u għandhom jiġbru fihom id-dettalji kif ordnat aktar 'il quddiem.

1.9 Il-Kappillan jista', jekk jiġi mitlub, jinserixxi xi ċertifikat awtentiku tal-Magħmudija jew ta' Żwieġ ta' persuna li twieldet jew iżżewġet barra minn Malta u ġiet toqgħod residenti hawn Malta.

Hu preferibbli li dawn iċ-ċertifikati jiġu konservati fil-parroċċa fejn kienu joqogħdu l-ġenituri ta' l-individwu jekk hu iben l-emigranti jew, jekk il-ġenituri qatt ma għexu f'Malta, fil-parroċċa fejn se jieħu r-residenza. Iċ-ċertifikat għandu jiġi mwaħħal fir-Reġistru Parrokkjali korrispondenti, qrib kemm jista' jkun għad-data tal-Magħmudija jew taż-Żwieġ, u fl-Indiċi tiġi miżjuda l-informazzjoni relativa għal dan l-Att.

1.10 Il-Kappillan għandu jieħu ħsieb li jsiru u jinżammu aġġornati l-Indiċijiet ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet.

1.11 Iċ-Ċertifikati il jinħarġu dwar reġistrazzjonijiet miżmuma fir-Reġistri Parrokkjali għandhom ikunu dejjem iffirmati mill-Kappillan jew minn saċerdot delegat minnu, u għandhom ikunu ttimbrati wkoll bis-siġill parrokkjali, u jindikaw id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

Iċ-ċertifikati għandhom ikollhom marġini vojt fuq naħa waħda.

Iċ-ċertifikati għandhom jindikaw l-isem tal-Parroċċa, it-tip u numru tal-volum tar-Reġistru Parrokkjali (eż. tal-Magħmudija, vol. III), in-numru tal-folio jew paġna, u n-numru tar-reġistrazzjoni.

Iċ-ċertifikati jistgħu jkunu ta' żewġ tipi:

i) *Sħaħ:* dawn għandhom ikunu konformi kelma b'kelma ma' l-oriġinal, bla tibdil jew omissjonijiet, u bil-korrezzjonijiet eċċ., awtorizzati u bin-noti marġinali ma' dik ir-reġistrazzjoni. Meta ċ-ċertifikat ikun meħtieġ għall-użu tal-Kurja, għandu dejjem jinħareġ taħt din il-forma.

ii) *Estratti:* dawn ikun fihom l-informazzjoni essenzjali tar-reġistrazzjoni relativa, almenu skond il-formoli annessi

ma' din l-Istruzzjoni fl-Appendiċi I-V, jew oħrajn minn żmien għal żmien approvati mill-Ordinarju.

In-noti marġinali dwar l-istat kanoniku tal-persuna (e.g. taż-Żwieġ, Ordni Sagru, Professjoni Reliġjuża perpetwa fiċ-Ċertifikat tal-Magħmudija; ta' dikjarazzjoni ta' nullità jew konvalidazzjoni fiċ-Ċertifikat ta' Żwieġ) għandhom jidhru wkoll fiċ-Ċertifikati "Estratti" bħala informazzjoni essenzjali (Kanoni 535 para 2).

1..12 F'każ ta' ħtieġa, iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu b'lingwa differenti mill-oriġinal. F' dan il-każ il-Kappillan irid jiċċertifika li t-traduzzjoni taqbel ma' l-informazzjoni li tinsab fl-oriġinal fir-Reġistri Parrokkjali.

## 2. REĠISTRAZZJONI TA' MAGĦMUDIJA

2.1.1 Il-Kappillan għandu jżomm l-ewwel notamenti tal-Magħmudija fuq reġistru manwali u mhux fuq karti volanti. Dan ir-reġistru, meta jimtela, għandu jiġi konservat fl-Arkivju Parrokkjali. F'dan ir-reġistru, f'kull reġistrazzjoni għandha tidher il-firma ta' min ta l-informazzjoni dwar stat ċivili tal-persuna mgħammda.

2.1.2 Bħala regola l-Magħmudija tiġi ċelebrata fil-Knisja Parrokkjali. Fil-każ li l-Magħmudija tiġi ċelebrata fil-limiti tal-parroċċa iżda mhux fil-Knisja Parrokkjali, ir-Rettur tal-Knisja għandu, mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem miċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija jgħaddi lill-Kappillan l-informazzjoni kollha meħtieġa għar-reġistrazzjoni.

2.2 Fir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija għandha titniżżel din l-informazzjoni:—

*BATTEZZAT:* 1. sess; 2. ismijiet; 3. post, data u ħin tat-twelid; 4. post u data tal-Magħmudija.

*ĠENITURI:* 1. Isem u kunjom il-Missier; 2. Post tat-twelid tiegħu; 3. Isem missieru (u jekk hux ħaj jew mejjet); 4. Isem ta' l-Omm; 5. Post fejn twieldet; 6. Isem u kunjom missierha (u jekk hux ħaj jew mejjet); 7. Indirizz fejn joqogħdu; 8. Post u data taż-Żwieġ Sagrament.

*PARRINIJIET:* 1. Isem u kunjom; 2. Isem il-Missier (jekk hux ħaj jew mejjet); 3. għan-nisa miżżewġin u r-romol: isem ir-raġel; 4. Parroċċa fejn joqgħod/toqgħod.

*MINISTRU:* 1. Isem u kunjom; 2. Jekk hux Kappillan jew Delegat tiegħu; 3. Jekk Reliġjuż: Ordni jew Kongregazzjoni.

2.3. 1 Il-Kappillani għandhom jassiguraw li fil-Magħmudija t-trabi jiġu reġistrati blismijiet li ngħataw jew ikunu sejrin jingħataw fir-Reġistru Pubbliku, mingħajr żieda jew tibdil. F'dawk il-każijiet pero' fejn fost l-ismijiet mogħtija ma jkun hemm l-ebda isem nisrani, iċ-Ċelebrant jieħu ħsieb iżid, fl-aħħar, isem kristjan.

2.3.2 F'każ li t-tarbija tkun se tiġi msejħa b'isem differenti mill-ewwel isem mogħti, jew b' varjant tiegħu, wara li jiġi aċċertat li dan l-isem ġie jew ikun ser jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bħala dak li bih it-tarbija se tkun imsejħa, dan l-isem għandu jiġi indikat fir-Reġistrazzjoni tal - Magħmudija.

2.4.1 Kull tarbija li titwieled minn mara miżżewġa mhux qabel 180 jum wara d-data tażżwieġ u fi żmien 300 jum middata tax-xoljiment taż-żwieġ hi meqjusa leġittima u għalhekk bint ir-raġel ta' l-omm. Dan iżda ma jgħoddx:

a) jekk ir-raġel kien assenti mill-Gżejjer maltin matul ilperijodu sħiħ ta' 300 jum qabel it-twelid tat-tarbija, u dan ilfatt jirriżulta jew mill-Att tat-Twelid reġistrat fir-Reġistru Pubbliku jew mid-dikjarazzjoni bil-miktub u ġuramentata quddiem il-Kappillan magħmula mill-omm u minn almenu żewġ xhieda ta' fiduċja;

b) jekk matul l-istess perijodu sħiħ ta' 300 jum qabel ittwelid tat-tarbija, ir-raġel għex separat legalment minn omm it-tarbija;

c) jekk ikun hemm sentenza ta' Qorti kompetenti favur talba tar-raġel ta' l-omm għaċċaħda tal-paternità.

2.4.2 F'dan il-każ, barra mill-każ ta' rikonoxximent tattarbija mill-missier naturali skond kif jingħad fil-paragrafu 2.2.4 it-tarbija tiġi reġistrata bħala bint missier "mhux magħruf" u tingħata r-raġuni għaliex isem ir-raġel ta' l-omm ma ngħatax bħala l-missier. Il-fatt li l-omm hi mara miżżewġa, kif ukoll l-isem u l-kunjom ta' żewġha għandhom jiġu reġistrati.

2.4.3 Jekk l-Omm ma tkunx miżżewġa bi żwieġ kanoniku iżda hi xebba, armla sa minn almenu 300 jum qabel it-twelid tat-tarbija, jew miżżewġa fil-Knisja iżda separata jew ċivilment divorzjata minn żewġha, għandhom jitniżżlu d-dettalji il jispjegaw għaliex it-tarbija qegħda tiġi reġistrata bħala bint missier "mhux magħruf".

2.4.4 F'dawn il-każijiet l-isem tal-missier naturali għandu jitniżżel biss:

a) jekk hu jkun għaraf it-tarbija bħala wild illeġittimu tiegħu fl-Att tat-Twelid jew b' Att pubbliku ieħor qabel jew wara t-twelid, u jiġi prodott dokument pubbliku u awtentiku li jiċċertifika dan l-għarfien; jew

b) jekk il-paternità tiegħu tkun ġiet dikjarata b'sentenza tal-Qorti.

2.4.5 Meta missier naturali jirrikonoxxi l-paternità, flimkien ma' l-isem u l-kunjom tiegħu, l-isem u l-kunjom ta' missieru u l-post tat-twelid u tar-residenza tiegħu, għandu jiġi reġistrat ukoll jekk hux miżżewweġ, u fil-każ li miżżewweġ ma' min.

2.4.6 Tarbija illeġittima tieħu l-kunjom ta' xbubija ta' l-omm. Iżda jekk tkun ġiet magħrufa mill-missier naturali

wara l-1 ta' Jannar 1966 tiehu l-kunjom tal-missier; dan ukoll jekk il-Qorti Ċivili kompetenti hekk tiddikjara.

2.4.7 Jekk il-ġenituri jkunu miżżewġin biss ċivilment, dan għandu jingħad espressament fir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija tat-tarbija tagħhom. Fil-każ li huma jew xi ħadd minnhom ikun marbut fi żwieġ kanonikament validu ma' persuni oħra, dan il-fatt u l-isem u l-kunjom ta' din il-persuna għandu jiġi indikat.

2.5 *Leġittimazzjoni*

Iben illeġittimu rikonoxxut mill-missier jista' jiġi leġittimat kanonikament bi żwieġ kanoniku li jsir wara ("per subsequens matrimonium") jew b'Reskritt tas-Santa Sede (kanoni 1139).

Il-leġittimazzjoni ċivili ssir wara rikonoxximent ta' paternità li jsir b'att nutarili jew li jkun sar fl-istess Att ta' Twelid tat-tarbija jew fl-Att ta' Żwieġ tal-ġenituri. Tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Kurja għat-traskrizzjoni tal-leġittimazzjoni fir-Reġistru tal-Magħmudija.

F'każ ta' diskrepanzi dwar il-leġittimità ċivili u leġittimità kanonika kawżata minn żwieġ barra mill-Knisja jew żwieġ kanoniku mhux rikonoxxut mill-Istat jew għal xi raġuni oħra, il-Kappillan josserva l-liġijiet tal-Knisja, iżda jkun jista' jżid il-kliem fil-marġini "miżżewġin ċivilment", "leġittimati ċivilment"...

## 3. ADOZZJONI

Sakemm il-Konferenza Episkopali toħroġ normi dwar din il-materja:—

3.1 Meta l-Adozzjoni ssir mill-Qrati Ċivili wara li l-Magħmudija tkun diġà ġiet ċelebrata, biex l-Adozzjoni tiġi traskritta fl-Arkivji Parrokkjali jrid isir rikors fil-Kurja li fih jingħataw id-dettalji tar-reġistrazzjoni oriġinali tal-magħmudija tal-persuna adottata; u d-data tad-digriet ta' l-adozzjoni tal-Qorti, id-dettalji ta' l-adottat jew adottata u ta' l-adottanti skond kif jirriżultaw miċ-Ċertifikat maħruġ mir-Reġistru Pubbliku.

Mar-rikors iridu jiġu preżentati dawn iċ-Ċertifikati:

* Ċertifikat sħiħ tal-Magħmudija;

* Ċertifikat sħiħ ta' l-Adozzjoni mir-Reġistru Pubbliku;

Jekk l-Adottanti huma koppja miżżewġa:

* Ċertifikat taż-żwieġ tagħhom mir-Reġistri tal-Parroċċa.

3.2 Wara d-digriet tal-Kurja dwar l-adozzjoni, il-Kappillan għandu jikteb biss il-kelma "adottat" jew "adottata" fil-marġini tar-reġistrazzjoni tal-Magħmudija, u jirreġistra l-magħmudija tal-persuna adottata fir-"Reġistru tal-Magħmudija tal-Persuni Adottati".

Il-Kappillan għandu wkoll jirreġistra f'Reġistru Sigriet b'ordni kronoloġiku skond id-Digriet tal-Kurja: l-isem tar-rikorrent, id-data tad-Digriet tal-Kurja, il-partikularitajiet tar-reġistrazzjoni oriġinali tal-

Magħmudija u bħala adottat, b'riferenza ċara għall-paġni tar-Reġistri relativi. Dan ir-Reġistru sigriet għandu jkollu indiċi doppju: wieħed bil-kunjom u isem oriġinali, l-ieħor bil-kunjom u isem bħala adottat. L-informazzjoni li tkun tinsab f'dan ir-Reġistru Sigriet li biha tista' ssir ir-rabta bejn l-adottat u l-ġenituri naturali ma tista' tingħata lil ħadd ħlief lill-istess adottat wara li jkun għalaq it-18-il sena, jekk mhux bl - awtorizzazzjoni miktuba mill-Ordinarju jew 'sub secreto' lill-Uffiċċju taż-Żwiġijiet tal-Kurja meta l-adottat ikun wasal għaż-żwieġ.

3.3 F'każ li d-Digriet ta' Adozzjoni mogħti mill-Qorti Ċivili jawtorizza tibdil fl-isem ta' l-adottat, ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija fir-Reġistru tal-Persuni Adottati ssir bl-isem ġdid approvat mill-Qorti.

3.4 Jekk il-Magħmudija tiġi ċelebrata wara li jkun ingħata d-Digriet ta' Adozzjoni mill-Qorti Ċivili, din il-Magħmudija tiġi reġistrata mill-ewwel fir-Reġistru tal-Magħmudija tal-Persuni Adottati tal-Parroċċa, b'indikazzjoni tal-post u u data tal-Magħmudija, tal-Ministru, tal-post u data tat-twelid, ta' l-ismijiet u kunjomijiet u isem il-Missier u ta' l-adottant jew adottanti, tad-data tad-Digriet ta' adozzjoni mogħti mill-Qorti Ċivili, u tal-parrinijiet.

## 4. REĠISTRAZZJONI TA' GRIŻMA TA' L-ISQOF

2.1 Fir-reġistrazzjoni tal-Griżma ta' l-Isqof għandha tinżżel din l-informazzjoni:—

*DATA:* tal-Griżma.

*POST:* fejn ġiet amministrata.

*MINISTRU:* Isem u kunjom, jekk hux Monsinjur, Arċisqof jew Delegat tiegħu jew ministru ieħor skond il-liġi viġenti tal-Knisja f'ċirkostanzi straordinarji jew f' każ ta' Magħmudija jew dħul fil-Knisja ta' Adult.

*KONFERMATI:* Isem u kunjom, età, parroċċa u data tal-Magħmudija. Parroċċa ta' residenza.

*ĠENITURI:* Isem u kunjom il-missier, isem l-omm u kunjomha ta' xbubitha u parroċċa ta' residenza tagħhom jekk differenti minn dik tal-konfermat/a.

*PARRINU/A:* Isem u kunjom; isem tal-missier u jekk hux ħaj jew mejjet; għal nisa miżżewġin/romol: isem u kunjom tar-raġel; Parroċċa ta' residenza.

4.2 Ir-Reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Griżma ta' l-Isqof u n-Notifikazzjoni fir-Reġistru tal-Magħmudija għandha ssir mhux aktar tard minn ħmistax -il ġurnata wara, skond in-norma 1.3 ta' din l-Istruzzjoni.

## 5. REĠISTRAZZJONI TA' ŻWIEĠ

5.1 Fir-Reġistrazzjoni taż-żwieġ għandha titniżżel din l-informazzjoni:—

*DATA:* taż-żwieġ

*POST:* Jekk hux fil-Knisja Parrokkjali jew fi Knisja jew lokalità oħra fil-limiti tal-Parroċċa.

*TĦEJJIJA AMMINISTRATTIVA:* Tnidijiet, jekk sarux jew ġewx dispensati; jekk il-partijiet kinux liberi minn impedimenti kanoniċi, jew jekk ingħatawx dispensi — f'dan il-każ Awtorità li kkonċediet dispensa, natura ta' l-impediment, data tad-dispensa.

*QUDDIEM MIN ĠIE ĊELEBRAT IŻ-ŻWIEĠ:* Isem u kunjom is-Saċerdot (jew eventwalment Djaknu), u kwalifika — Kappillan jew Delegat b'delega ġenerali jew partikolari.

*ĊELEBRAZZJONI:* Jekk hux fil-Quddiesa.

*GĦARAJJES:* Isem u kunjom ta' l-għarus u ta' l-għarusa; Isem il-missirijiet u isem u kunjom ta' xbubija ta' l-ommijiet tal-għarajjes u jekk humiex ħajjin; post u data ta' twelid; jekk humiex mgħammdin fil-Knisja Kattolika, u fil-każ parroċċa u data tal-Magħmudija, jew mgħammdin f'komunjoni nisranija li mhix kattolika, jew mhux mgħammdin; parroċċa ta' residenza tal-għarus u tal-għarusa risepttivament; jekk humiex ġuvni/xebba, armel/a; jekk armel/a, isem tar-raġel/mara, u data tal-mewt; jew jekk kien hemm dikjarazzjoni ta' nullità jew dispensa "super Matrimonio rato non consummato" jew "in favorem Fidei" ta' żwieġ preċedenti ta'.l-għarus u/jew tal-għarusa, riferenza u data tad-dokument relattiv; jekk l-għarajjes huma diġà miżżewġin ċivilment, jew qed issir konvalida, jiġu reġistrati d-data u l-post taż-żwieġ kanonikament invalidu.

*XHIEDA:* Isem u kunjom; isem il-missier; parroċċa ta' residenza; jekk mara miżżewġa jew armla, flok isem u kunjom il-missier, isem ir-raġel.

5.2 Ir-Reġistrazzjoni taż-żwiġijiet kollha li jsiru fil-Parroċċa, kemm fil-Knisja Parrokkjali kif ukoll fil-knejjes u lokalitajiet oħra fil-limiti tal-Parroċċa għandha ssir fir-Reġistru Parrokkjali kemm jista' jkun b'ordni kronoloġiku. Għaldaqstant ir-Retturi ta' knejjes oħra fil-Parroċċa li fihom hija awtorizzata ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ għandhom mhux aktar tar minn tlett (3) ijiem miċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ jgħaddu lill-Kappillan l-informazzjoni kollha meħtieġa għar-reġistrazzjoni.

5.3 Ir-Reġistrazzjoni taż-żwiġijiet u l-annotazzjoni tagħhom fir-Reġistri tal-Magħmudija għandha ssir skond in-norma 1.3 ta' din l-Istruzzjoni.

5.4 F'każ li jirriżulta li żwieġ

kien ġie ċelebrat invalidament, minħabba nuqqas ta' dispensa minn impediment kanoniku jew minħabba nuqqas ta' delega mill-Kappillan, il-każ jiġi riferit immedjatament lill-Ordinarju biex issir il-konvalidazzjoni jew sanazzjoni opportuna, skond il-każ.

5.4 1 F'każ ta' konvalidazzjoni fil-'foro' estern għandhom isiru żewġ reġistrazzjonijiet. L-ewwel reġistrazzjoni hija dik ta' l-ewwel ċerimonja ta' żwieġ. Meta mbagħad issir il-konvalidazzjoni, iż-żwieġ jerġa' jiġi reġistrat bid-data u dettalji ġodda. Ħdejn l-ewwel reġistrazzjoni tiżdied nota marġinali li tagħmel riferenza għall-konvalidazzjoni flimkien mar-raġuni tan-nullità taż-żwieġ kif ukoll għat-tieni reġistrazzjoni. F'każ li ż-żwieġ kien ġie konvalidat u reġistrat f'Parroċċa differenti minn dik li fiha tkun saret l-ewwel ċelebrazzjoni, il-Kappillan tat-tieni Parroċċa għandu jibgħat in-notifika tal-konvalidazzjoni lill-Kappillan ta' l-ewwel Parroċċa, biex jagħmel in-nota marġinali kif ingħad fuq, skond in-norma tal-kanoni 1123.

5.4 2 F'każ ta' sanazzjoni 'in radice', issir nota marġinali ħdejn ir-reġistrazzjoni oriġinali taż-żwieġ: din tkun tirreferi għall-Awtorità li tat is-sanazzjoni, u d-data tad-digriet. Kopja ta' dan id-digriet għandha tinżamm fir-Reġistru taż-Żwieġ jew fl-Arkivju Parrokkjali.

5.4 3 F'każijiet simili għandha wkoll tintbagħat notifikazzjoni tal-konvalidazzjoni jew sanazzjoni lill-Kappillan tal-Parroċċa tal-Magħmudija skond in-norma 1.3 ta' din l-Istruzzjoni, kif rikjest mill-kanoni 1123.

5.5 Meta l-Kappillan jirċievi notifikazzjoni ta' Dikjarazzjoni ta' Nullità taż-Żwieġ, jew ta' Dispensa ta' Żwieġ mhux ikkunsmat jew 'in favorem Fidei' minn Tribunal ta' Djoċesi oħra, għandu jitlob l-awtorizzazzjoni minn għand il-Vigarju Ġudizzjali qabel ma jagħmel l-annotazzjoni fir-reġistri relativi skond in-norma 1.3 ta' din l-Istruzzjoni. Id-dokument relativ għandu jinżamm fl-Arkivju Parrokkjali.

## 6. REĠISTRAZZJONI TA' MEWT

6.1 Fir-Reġistrazzjoni tal-mewt għandha titniżżel din l-informazzjoni:—

*DATA U ĦIN* tal-mewt.

*POST* tal-mewt.

*MEJJET/MEJTA:* Isem u kunjom; stat maritali; ġuvni/xebba, miżżewweġ/a, armel/armla; isem u kunjom tar-raġel/mara jekk miżżewweġ/a jew armel/armla; isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet; età; indirizz ta' residenza abitwali.

*FUNERAL:* Jekk sarx trasport fil-knisja, u liema.

*DFIN:* Data u post; isem taċ-ċimiterju, u numru tal-qabar.

6.2 Fil-każ li l-missier tal-mejjet mhux magħruf, jitniżżel "mhux magħruf" u jitniżżel l-isem u l-kunjom ta' l-omm.

APPENDIĊI I

## ĊERTIFIKAT TAL-MAGĦMUDIJA
## (Certificate of Baptism)

Estratt mill-Oriġinal fir-Reġistru tal-Magħmudijiet tal-Parroċċa ta'
*Extract from the Original kept in the Baptismal Registers of the Parish of*

.............................................., Malta

Volum ............ Paġna ............ Numru ............
*Volume* *Page* *Number*

Isem ..............................................
*Name*

Iben/Bint ..............................................
*son/daughter of*

u ............................ née ....................
*and*

Imwieled/a ..............................
*Born at*

f' ..............................................
*on the*

u mgħammed/a f' ..............................................
*and baptised on the*

minn ..............................................
*by*

Noti: ..............................................

..............................................

..............................................

Jiena niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa.

*I certify that the above is true and correct.*

.................................... 19......

............................
Kappillan
*Parish Priest*

## ĊERTIFIKAT TAŻ-ŻWIEĠ
## (Marriage Certificate)

Estratt mill-Oriġinal fir-Reġistru taż-żwieġ tal-Parroċċa ta'
*Extract from the Original kept in the Marriage Registers of the Parish of*

.............................................., Malta

Volum ........... Paġna ........... Numru ...........
*Volume* *Page* *Number*

Data taż-żwieġ ................................................
*Date of Marriage*

Post taż-żwieġ ..............................................
*Place of Marriage*

Isem ta' l-Għarus ...........................................
*Name of Bridegroom*

Iben ........................ u ........................
*Son of*

Isem ta' l-Għarusa ..........................................
*Name of Bride*

Bint ........................ u ........................
*daughter of*

Ismijiet tax-Xhieda ..........................................
*Witnesses*

..........................................

Saċerdot li assista ..........................................
*Officiating Minister*

Noti: ..................................................

..................................................

..................................................

Jiena niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa.
*I certify that the above is true and correct.*

.............................. 19.....

..............................

Kappillan
*Parish Priest*

## ĊERTIFIKAT TAL-MEWT
(Death Certificate)

Estratt mill-Oriġinal fir-Reġistru tal-Mejtin tal-Parroċċa ta'
*Extract from the Original kept in the Registers of Deaths of the Parish of*

............................................., Malta

Volum ............ Paġna ............ Numru ............
*Volume* *Page* *Number*

Isem u Kunjom ..............................................
*Name and Surname*

Data tal-Mewt ..............................................
*Date of Death*

Isem u Kunjom tal-Missier ..............................................
*Name and Surname of father*

Status ..............................................
*Marital Status*

Residenza ..............................................
*Place of Residence*

Fejn Miet/Mietet ..............................................
*Place of Death*

Post tad-Difna ..............................................
*Place of Burial*

Jiena niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa.
*I certify that the above is true and correct.*

.................................... 19......

...........................
Kappillan
*Parish Priest*

## ĊERTIFIKAT TAL-GRIŻMA TA' L-ISQOF

Estratt mill-Oriġinal fir-Reġistru tal-Griżma ta' l-Isqof tal-Parroċċa ta'
*Extract from the Original kept in the Confirmation Registers of the Parish Church of*

................................................., Malta

Volum ............ Paġna ............ Numru ............
*Volume* *Page* *Number*

Isem u Kunjom .................................... Età ......
*Name and Surname* *Age*

Iben/Bint ..........................................
*son/daughter of*

u ......................... née ...................
*and*

Residenti f' ..........................................
*Residing*

Konfermat nhar ..........................................
*Confirmed on*

minn ..........................................
*by*

Jiena niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa.
*I certify that the above is true and correct.*

.................................... 19......

............................

Kappillan
*Parish Priest*

## ĊERTIFIKAT TAL-MAGĦMUDIJA
(Certificate of Baptism)

Estratt mill-Oriġinal tal-Magħmudija ta' Persuni Adottati tal-Parroċċa ta'
*Extract from the Baptismal Records of Adopted Persons kept at the Parish Church of*

........................................., Malta

Isem .........................................
*Name*

Kunjom .........................................
*Surname*

Missier adottiv .........................................
*Adoptive father*

Omm Adottiva .........................................
*Adoptive Mother*

Post ta' twelid .........................................
*Place of birth*

Data ta' Twelid .........................................
*Date of Birth*

Mgħammed/a nhar .........................................
*Baptised on*

Noti: .........................................

.........................................

.........................................

Jiena niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa.
*I certify that the above is true and correct.*

......................................... 19.....

.........................................

Kappillan
*Parish Priest*

## IS-SENA MQADDSA U ŻMIEN L-AVVENT U L-MILIED

L-AVVENT huwa wieħed miż-żminijiet liturġiċi l-aktar qawwija u għalhekk okkażjoni mill-aħjar biex ma' tulu nilħqu l-għan li għalih il-Papa nieda s-Sena Mqaddsa Straordinarja tal-Fidwa.

Ma' tul l-Avvent għandna nfittxu li

1. kull ġimgħa ssir ċelebrazzjoni penitenzjali (ara eżempju fil-ktieb ORDNI GĦALL-PENITENZA, paġ. 238) biex inqanqlu fil-poplu ta' Alla l-ispirtu ta' ndiema u rikonċiljazzjoni li huma hekk meħtieġa biex inħejju ruħna ħa niċċelebraw kif jixraq it-twelid mill-ġdid fostna tal-Feddej tad-dinja;

2. niċċelebraw in-novena tal-Milied billi nerġgħu nagħmlu użu mill-iskemi ta' omelija qasira li tħejjew għan-novena tas-sena l-oħra bħala parti mill-Missjoni Djoċesana (ara BULLETIN nr. 35 paġ. 118s).

3. niċċelebraw Jum il-Paċi fil-parroċċi kollha billi f'ġurnata bejn it-2 u s-7 ta' Jannar, fil-ħin l-aktar adatt għan-nies issir il-Quddiesa votiva tal-Paċi jew dik tar-Rikonċiljazzjoni. L-insara jiġu mħejjija għaliha b' laqgħa li fiha jiġi mfisser il-messaġġ tal-Papa għal Jum il-Paċi 1984 (il-messaġġ tal-Papa u l-formularju tal-Quddiesa jitqassam aktar tard).

4. nistiednu l-insara kollha biex iqaddsu jum it-8 ta' Diċembru, bis-smigħ tal-Quddiesa ħa jroddu ħajr lil Alla għas-suċċess tal-Kungressi Marjani f'din l-ewwel festa kbira tal-Madonna li tiġi wara dawn il-Kungressi. Dak in-nhar nitolbu lill-Madonna sabiex teħlisna minn kull inkwiet u minn kull tilwim billi f'kull Quddiesa, wara t-tqarbin, ngħidu flimkien mal-poplu ta' Alla, it-talba li għamel il-Papa lill-Madonna fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru.

Din it-talba nerġgħu ntennuha nhar l-ewwel tas-sena, Jum il-Paċi, u dak in-nhar li fil-parroċċa ssir il-Quddiesa tal-Paċi.

5. niċċelebraw is-solennità ta' l-Epifanija billi dak in-nhar nistiednu lill-insara kollha jitolbu biex il-Fidwa li kisbilna l-Mulej bis-sagrifiċċju tiegħu 1950 sena ilu, jaslu biex isiru jafu biha u jgawdu l-frott tagħha l-bnedmin kollha ta' rieda tajba li hawn fid-dinja u li għandhom għal qalbhom l-għaqda u l-paċi bejn il-ġnus kollha ta' l-art, għaqda u paċi li Ġesù biss jagħtiha, għaliex hu kien dak li bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet ġarraf il-ħitan tal-mibgħeda li kienu jifirdu l-bnedmin bejniethom.

Kull min jieħu sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jirbaħ l-indulġenza tal-Ġublew.

Maħruġ mill-Kumitat Sena Mqaddsa, 20 ta' Novembru 1983, solennità ta' Kristu Sultan tal-ħolqien kollu.

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF GĦALL-FTUĦ TA' ĊENTRU GĦALL-MALTIN FL-AWSTRALJA

Fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-"Maltese Community Centre" f' Victoria (Awstralja), l-Arċisqof l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca bagħat messaġġ ta' ferħ lir-Rev. James Bonello, Superjur Generali tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, li kien preżenti għall-ftuħ uffiċjali li sar nhar il-Ħadd, 20 ta' Novembru, 1983.

L-art għal dan iċ-Ċentru ġiet mogħtija b'xejn mis-Soċjetà ta' San Pawl waqt li Fr. David Azzopardi MSSP kien intbagħat l-Awstralja biex permezz ta' attivitajiet jiġbor fondi għal dan iċ-Ċentru.

It-telegramm ta' Mons. Arċisqof hu dan:

*Please accept my deep appreciation for your Society's substantial contribution towards the realization of the Maltese Community Centre due to be blessed by my dear friend and colleague Archbishop Little and to be declared open by the Honourable Prime Minister Mr Bob Hawk STOP I do sincerely wish and pray that this Centre be a landmark of unity and service to the Maltese Community and to be a witness of our Catholic heritage in the host country May God bless the Superior and the MSSP Community the President and the Council Members and the Maltese families in Victoria STOP Special regards to all the Maltese priests and nuns working over there*

Archbishop Mercieca

## FESTA TA' KRISTU RE 1983: DISKORS TA' MONSINJUR ARĊISQOF

Aħna lkoll li nġbarna flimkien f'din l-okkażjoni sabiħa ta' Kristu Re, jixraq li nistaqsu: "Xi jrid jgħallimna Ġesù permezz tal-Knisja tiegħu li qed tagħarfu bħala RE TAL-ĦOLQIEN?"

Ġesù qed igħidilna mill-ġdid li aħna lkoll nistgħu ngħixu fuq din l-art ħajja ta' aħwa.

Għalina lkoll dan huwa messaġġ ta' faraġ u tama. Nifirħu meta nisimgħu li jista' jkollna l-paċi li tant nixtiequ u neħtieġu. Il-poplu Malti jħobb u jixtieq il-paċi f'qalbu u madwaru u jara relazzjonijiet ta' paċi bejn kulħadd, b'mod speċjali bejn il-ħaddiema kollha, bejn min iħaddem u min jaħdem, u, fil-ħarsien ta' l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom, bejn il-Knisja u l-Istat. Aħna lkoll inħobbu l-paċi. Nafu li biss il-paċi ġġib il-għaqda, il-ġid u l-ħelsien.

Ġesù jgħidilna li biex ikollna din il-paċi rridu tabilħaqq inħobbu l-paċi u naħdmu għall-paċi.

Inħobbu l-paċi u naħdmu għall-paċi jfisser fuq kollox li nimpenjaw ruħna biex f'kull livell tal-ħajja Maltija titwaqqaf u tikber is-saltna ta' Ġesù li hi s-saltna tal-paċi.

Ġesù qed jurina x'għandna nagħmlu biex ikollna dan li nixtiequ. U x'inhi t-tweġiba tagħna? Ir-risposta hija l-istqarrija tagħna li aħna nħobbu 'l Ġesu', li rridu 'l Ġesu' jsaltan fuqna. Illum il-poplu Malti qed jistqarr li jrid li Kristu jkun ir-Re tiegħu. Aħna rridu li għalina, għal uliedna, għal Malta, Kristu jkun kollox, biex Malta tkun dejjem ta' Kristu u Malta jkollha l-paċi. Hija l-paċi tagħna ma' Ġesù li tnissel u ġġib il-paċi fost il-bnedmin. Ġesù biss huwa t-triq: ma hemmx triq oħra.

l-Festa ta' Kristu Re qed ittennilna li jkollna l-paċi daqskemm irridu 'l Ġesù fina, daqskemm infasslu l-egħmil tagħna fuq ir-rieda tiegħu.

Kristu, ir-Re tal-Ħolqien huwa r-Re tal-ħajja; irridu għalhekk, fuq ir-rieda ta' Ġesù, naħarbu d-dnub u nduru lejn Alla. Din is-Sena Mqaddsa tal-Ġublew tar-Redenzjoni, il-Kungress Marjoloġiku u Marjan li sar Malta u l-aħħar Sinodu ta' l-Isqfijiet iħeġġuna biex nitolbu maħfra lil Alla u nagħmlu paċi miegħu, biex hekk inkunu nistgħu naħfru lill-oħrajn u jkollna paċi magħhom. Il-Knisja qed ittenni lil kulħadd li l-paċi ma' Kristu toħroġna rebbieħa mit-tensjonijiet u d-diffikultajiet ta' żmienna.

Meta ndawru qalbna lejn Alla, ikollna l-għajnuna tiegħu biex negħlbu s-suppervja tagħna u niftakru li aħna lkoll ħatjin ta' bosta nuqqasijiet. Meta nduru lejn Alla, aħna nagħarfu min aħna, nagħarfu l-ħtijiet tagħna u nitolbu maħfra lil Alla u lil xulxin.

Din il-verità fuqna nfusna tressaqna lejn xulxin u, fix-xejn tagħna quddiem Alla, illum, fil-Festa ta' Kristu Re, ir-Re tal-paċi, aħna l-Maltin kollha, li nifformaw il-poplu ta' Alla u l-Knisja Maltija, qed nistqarru n-nuqqasijiet tagħna, il-ħsara li għamilna jew stajna għamilna wieħed lejn l-ieħor u ta' dan nitolbu maħfra lil Alla u lil xulxin. Nitolbu maħfra għaliex irridu nħobbu 'l xulxin kif Ġesù jaħfrilna dejjem għaliex iħobbna tassew.

L-ispirtu tal-maħfra u r-rikonċiljazzjoni jagħmel minna nies ġodda li nħarsu b'fiduċja lejn xulxin u nirrispettaw l-opinjonijiet ta' xulxin. L-ispirtu tal-maħfra u r-rikonċiljazzjoni jiġborna flimkien f'familja waħda li tiġbed ħabel wieħed li huwa l-ġid ta' kulħadd.

Il-ġid ta' kulħadd jgħaqqad flimkien lil dawk kollha li, ispirati minn tagħlim nisrani, għandhom responsabbiltà ta' tmexxija jew deċiżjoni. Meta aħna, bħala nsara, naqblu lkoll li l-bniedem huwa maħluq għal Alla u għalhekk il-bniedem għandu jiġi qabel kull interess ieħor, kemm soċjali, ekonomiku jew politiku, id-differenzi l-oħra li jista' jkun hemm m'għandhomx jaqsmuna u jifirduna fi tnejn kontra xulxin. Inħobbu lill-bniedem meta kull wieħed jagħti s-sehem tiegħu bil-kritika kostruttiva u b'suġġerimenti siewja kif naħdmu għall-paċi u l-ġid ta' kulħadd kif jixtieq Alla.

Meta nfittxu l-ġid ta' kulħadd inkunu naħdmu għall-ġid u l-

paċi u l-għaqda.

Kristu Re tana l-eżempju. Kristu huwa r-Re tal-ħolqien; iżda għaliex ħabb lill-bniedem qiegħed l-istess ħajtu għas-servizz tal-bniedem u għaqqadna f'familja waħda.

Dan jurina li kull awtorità fuq din l-art, kemm reliġjuża u kemm ċivili, tkun taħdem għall-ġid, għall-għaqda u l-paċi daqskemm, skond ir-rieda ta' Alla, tkun għas-servizz ta' kulħadd, servizz li huma t-tnejn jeżerċitaw b'mod iżjed effikaċi għall-ġid ta' kulħadd aktar ma jżommu sewwa, kif igħid il-Konċilju Vatikan II, 'kooperazzjoni għaqlija bejniethom'.

Din hija l-paċi li aħna nħobbu. Din hija l-paċi li llum f'din il-Festa, nixtiequ nitolbu lil Kristu Re jagħtina.

## DIRETTUR ĠDID TAD-DJAR TAT-TFAL

Dun Arthur Barbara nħatar minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca bħala Direttur tad-Djar tat-Tfal u Segretarju tal-Kummissjoni Djoċesana Djar tat-Tfal. Dun Arthur ħa post Mons. Maurice Grech li kien ilu jokkupa dawn il-karigi sa mill-1956. Mons. Grech issa lalaħ viċi president ta' l-istess Kummissjoni li hija mmexxija minn Mons. Arċisqof.

Il-Kummissjoni Djoċesana Djar tat-tfal tikkoordina l-ħidma tat-tlettax-il dar li għandha l-Knisja f'Malta. Hemm sitt ordnijiet ta' reliġjużi li jieħdu ħsieb dawn id-djar. Fihom insibu trabi tat-twelid, subien minn tliet snin sa ħdax-il sena; bniet minn tliet snin sa tmintax-il sena u subien minn ħdax -il sena sa tmintax. Hemm ukoll hostel għat-tfajliet li jaħdmu.

L-ewwel dar tat-tfal infetħet Bormla aktar minn 250 sena ilu; l-aħħar waħda nfetħet fl-1960.

## NOMINA TAL-KONFERENZA EPISKOPALI

L-isqfijiet innominaw lil P. Damjan Cachia O.Carm Assistent Ekklesjastiku Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika għal dawn l-erba' snin li ġejjin.

## IL-VATIKAN DWAR ID-DRITTIJIET TAL-FAMILJA

Is-Santa Sede dalgħodu ppublikat dokument li fih jiġbor lista tad-drittijiet tal-familja. Id-dokument imsejjaħ "Karta tad-Drittijiet tal-Familja" ħareġ wara talba li saret tul is-Sinodu ta' l-Isqfijiet tal-1980 u wara li l-Papa nnifsu kien wiegħed dan fl-esortazzjoni apostolika "Familiaris Consortio".

Id-Dokument jiġbor fih tnax -il artiklu li jsemmu drittijiet tal-familja. Fost id-drittijiet insibu d-dritt li wieħed jifforma u jippjana familja; id-dritt li jedukaw lil uliedhom; tgħix bla xkiel il-ħajja reliġjuża u d-dritt li taqdi l-missjoni soċjali u politika tagħha.

Dawn id-drittijiet tista' tgħid li ġà jinsabu kollha fid-Dokumenti tal-Knisja u ta' għaqdiet internazzjonali. "Il-Karta" maħruġa llum tiżviluppa u tfisser b'mod aktar ċar dawn id-drittijiet u tippreżentahom b'mod organiku, ordnat u sistematiku.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Familja hi ndirizzata l-aktar lill-gvernijiet. Dan id-dokument tal-Vatikan jagħtihom mudell li jistgħu jużaw biex ifasslu liġijiet u politika favur il-familja, u gwida għal programmi ta' azzjoni.

Id-Dokument huwa ndirizzat ukoll għall - organizazzjonijiet internazzjonali bejn il-gvernijiet biex waqt li jħarsu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ma jħallux li jinkisru d-drittijiet fundamentali tal-familja.

Hu ndirizzat ukoll lill-familji biex iġegħelhom jintebħu x'inhi l-qagħda u x'inhu s-sehem tagħhom li ebda ħadd ieħor ma jista' jagħmel u biex tħeġġiġhom jingħaqdu ħa jħarsu drittijiethom u jġibuhom 'il quddiem.

Fl-aħħarnett id-dokument jistieden lill-bnedmin kollha, irġiel u nisa, biex jagħmlu kull ma jistgħu ħa jaraw imħarsa d-drittijiet tal-familja u jsaħħu l-istituzzjoni tal-familja għall-ġid tal-bnedmin kollha illum u fil-ġejjieni.

Wara kull artiklu hemm għadd ta' prinċipji li juru kif għandu jseħħ fil-prattika.

Id-dokument sħiħ se jkun ippubblikat mill-Klabb Qari Nisrani.

## L-ARRIKOLI RAD-DOKUMENT TAD-DRIRTIJIET TAL-FAMILJA

*Artiklu 1*

Kull bniedem għandu d-dritt li bla xkiel jagħżel l-istat tal-ħajja tiegħu u għalhekk jiżżewweġ u jkollu familja jew jibqa' għażeb.

*Artiklu 2*

Ma jistax isir żwieġ mingħajr il-kunsens sħiħ u ħieles tażżewġ għarajjes imfisser kif titlob il-liġi.

*Artiklu 3*

Il-miżżewġin għandhom id-dritt li ħadd ma jista' jċaħħadhom minnu li jrawmu familja, li jiddeċiedu l-intervall bejn

twelid u ieħor u n-numru ta' wlied li jridu jwelldu, huma u jqisu b'mod sħiħ għal kollox dmirijiethom lejhom infushom, lejn l-ulied li ġa tweldulhom, lejn il-familja u s-soċjetà. Għandhom iħarsu l-ġerarkija ġusta tal-valuri u l-ordni morali fih innifsu li ma jippermettix li huma jużaw il-kontraċezzjoni, l-isterilizazzjoni u l-abort.

*Artiklu 4*

Il-ħajja tal-bniedem għandha tkun rispettata u mħarsa b' mod sħiħ sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha.

*Artiklu 5*

Ġaladarba għaddew il-ħajja lil uliedhom, il-ġenituri għandhom id-dritt oriġinali, ewlieni u li ħadd ma jista' jċaħħadhom minnu, li jedukaw 'l uliedhom. Għalhekk il-ġenituri għandhom jitqiesu bħala l-ewwel u l-aqwa edukaturi ta' wliedhom.

*Artiklu 6*

Il-familja għandha dritt li teżisti u timxi 'l quddiem bħala familja.

*Artiklu 7*

Kull familja għandha d-dritt li tgħix bla xkiel il-ħajja reliġjuża tagħha taħt it-tmexxija tal-ġenituri. Għandha tkun ħielsa li tistqarr ukoll pubblikament u xxandar il-fidi tagħha, u tieħu sehem fil-qima pubblika u fi programmi ta' tagħlim reliġjuż magħżulin bla ebda xkiel u dan mingħajr ma ġġarrab l-ebda diskriminazzjoni.

*Artiklu 8*

Il-familja għandha d-dritt li taqdi l-missjoni soċjali u politika tagħha għall-bini tas-soċjetà.

*Artiklu 9*

Il-familji għandhom id-dritt li jkunu jistgħu jafdaw fi pjan xieraq għall-familja, imfassal min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi fl-oqsma ġuridiċi, ekonomiċi, soċjali u fiskali, mingħajr ma jbatu ebda idskriminazzjoni.

*Artiklu 10*

Il-familji għandhom id-dritt għal ordni ekonomiku u soċjali fejn l-organizazzjoni tax-xogħol tħalli l-membri kollha tal-familja jgħixu flimkien u ma tfixkilx l-għaqda, il-ġid, is-saħħa u s-sħuħija tal-familja, waqt li toffri wkoll lil kulħadd possibiltà ta' rikreazzjoni xierqa.

*Artiklu 11*

Il-familja għandha d-dritt għal dar xierqa, tajba għall-ħajja tal-familja u ta' daqs skond l-għadd tal-membri, f' ambjent li joffri s-servizzi l-aktar meħtieġa għall-ħajja tal-familja u tal-komunità.

*Artiklu 12*

Il-familji ta' l-emigranti għandhom id-dritt għall-istess ħarsien li jingħata lill-familji l-oħra.

## TERZ MID-DĦUL KOLLU TAL-KNISJA JMUR GĦALL-ISKEJJEL

Terz mid-dħul tal-Knisja Maltija jmur għall-iskejjel tagħha. Din l-informazzjoni toħroġ mir-Rendikonti Finanzjarji ppubblikati mill-Arċidjoċesi ta' Malta u mill-Ordnijiet Reliġjużi. Id-dħul ordinarju tal-Knisja huwa ta' Lm5.3 miljuni waqt li l-ispiża fuq l-iskejjel hija ta' Lm1.7 miljuni. L-Arċidjoċesi u l-Ordnijiet Reliġjużi jmexxu 68 skola li s-sena l-oħra edukaw aktar minn 17,000 student. Dawn l-iskejjel fl-1982 kellhom żbilanċ ta' kważi mitt elf lira. Minħabba "items" eċċezzjonali, il-Knisja Maltija kellha surplas ta' Lm96 elf fl-1982. Biex il-Knisja tkun tista' tlaħħaq mal-Lm1,741,852 meħtieġa għall-iskejjel, irid ikollha surplas ta' tmintax-il darba aktar milli fil-fatt kellha.

Il-miżati li jħallsu l-istudenti li jattendu dawn l-iskejjel ivarja minn Lm18 fis-sena sa Lm72. Dawn il-miżati l-anqas iservu biex jitħallsu l-pagi ta' l-għalliema u l-impjegati l-oħra ma' dawn l-iskejjel. Minkejja li l-miżati kienu daqshekk baxxi, kien hemm numru ta' tfal li, għax ma setgħux, jew ma ħallsu xejn, jew ħallsu xi ħaġa żgħira.

Il-ġenituri u oħrajn tant jemmnu f'dawn l-iskejjel tal-Knisja u jriduhom ikomplu jedukaw lil uliedhom, li minn jeddhom, tul l-1982 taw mat-Lm370 elf f'għotjiet u kontribuzzjonijiet. Il-qassisin u r-reliġjużi li jgħallmu f'dawn l-iskejjel jew ma jirċevux salarju jew jirċievu salarju anqas minn ta' l-impjegati lajċi. Ir-Rendikont Finanzjarju tar-Reliġjużi juri li, ras għal ras, ir-reliġjużi jirċievu madwar Lm810 fis-sena waqt li għalliem mhux reliġjuż jaqla' madwar Lm2140. L-istess Rendikont igħid li l-provinċji għenu wkoll lill-iskejjel billi ħallsu għal spejjeż ta' manutenzjoni u estensjoni fil-bini ta' l-iskejjel. B'dan il-mod il-Knisja Maltija qed tissussidja lill-iskejjel tagħha b'mijiet ta' eluf ta' liri fis-sena.

FAKOLTA' TAT-TEOLOĠIJA

Diskors ta' Mons. A. Depasquale f'Jum il-Gradwazzjoni
17 ta' Diċembru, 1983

# WHAT'S NEW IN THE NEW CODE OF CANON LAW?

On the 25th January 1983, Pope John Paul II promulgated the Apostolic Constitution "Sacrae Disciplinae Leges" by means of which he decreed the publication of the new Code of Canon Law.

**Historical Perspective**

It was 24 years to the day since Pope John XXIII had made his public announcement of his intention to convoke an Ecumenical Council, to order a revision of the Code of Canon Law promulgated in 1917, and to hold a Synod for the Diocese of Rome. The Roman Synod was held in 1960. Meanwhile preparations were in hand for the celebration of the Second Vatican Council. Between its inauguration on the 11th October 1962 and its conclusion on the 8th December 1965, the Council painstakingly deliberated about the nature, life and activity of the Church under various aspects. It provided us with new insights and directives covering practically every aspect of the Church's role and activities in furthering God's Plan of Salvation for humanity, as well as with a deeper understanding of the nature of the Church itself.

On the 28th March 1963, Pope John XXIII instituted a Pontifical Commission for the Revision of the Code of Canon Law. He thus put in motion the lengthy process foreseen for the eventual publication of a revised or 'new' Code. At the first meeting of the Commission, held in November 1963, it was agreed that formal work on the revision of the Code had to wait until after the Second Vatican Council. The reason for this decision is obvious: the revised Code could be an effective instrument for the life and activity of the Church, as envisaged and renewed in the light of the teachings and directives of the Second Vatican Council, only if the Commission for the revision of the Code had before it these teachings and directives.

In fact it was only in 1965, the year in which the Council was brought to a close, that the Commission resumed its activities. It met in May to lay the ground-work for the operative structures of the Commission. In November it met again to establish certain basic principles: these were sent to Episcopal Conferences throughout the world, together with a request for suggestions and contributions for revision of the Code to be submitted in the light of the Decrees of the Second Vatican Council. The world Episcopate was thus involved in the work of revision practically from the start of the Commission's effective labours, and continued to be so involved in various stages of this work. The Congregations and Offices of the Roman Curia, the Union of Superiors General of Religious Orders and Catholic

Universities and Faculties throughout the world, including our Faculty, were also involved in certain phases and in various ways in this activity of revision.

The main guideline and aim throughout this whole work, stretching over almost 16 years, remained that of updating and reshaping the Church's legislation in line with the new insights and approaches of the Second Vatican Council as regards the Church and its mission and activity. In other words, the intention was that of expressing in canonically binding form those aspects of the Council's acquisitions for the renewal of Christian life that lent themselves to such formulation.

In his Apostolic Constitution promulgating the revised Code Pope John Paul II expressly refers to this reality of the new Code. In it he states: "In fact, in a certain sense, this new Code can be viewed as a great effort to translate the Conciliar ecclesiological teaching into canonical terms. If it is impossible perfectly to transpose the image of the Church described by conciliar doctrine into canonical language, nevertheless the Code must always be related to that image as to its primary pattern, whose outlines, given its nature, the Code must express as far as is possible".

**The Ecclesiology of Vatican II and the new Code**

When the new Code was published, the first obvious question asked by many was: "What's new in the new Code of Canon Law?"

I believe that the best answer to this question is to evaluate how far and in what way has the new Code succeeded in translating into canonical terms the new ecclesiological insights of Vatican II. We shall limit ourselves to the general and basic points of renewal or 'newness' of the Code, both as regards structure and as regards contents, necessarily by-passing detail.

To do so it would not be amiss to contrast these new insights with pre-conciliar ecclesiology. The latter tended to base its view of the Church on that of a 'perfect society', with heavy stress on the hierarchic element as the guiding social force in this society. Consequently, the 1917 Code of Canon Law, inspired by this ecclesiology, was considered by many, not without justification, as mainly a 'clerical' handbook with normative force for 'running' the Church and administering the 'means' at its disposal, including the Sacraments, and regulating its members and activities.

Vatican II goes beyond this concept. It presents the Church as a Mystery, as the New People of God, the community of salvation, as being in Christ as it were the Sacrament or sign and instrument of intimate union with God and of the unity of the whole human race ("Lumen Gentium", 1), a reality not of this world but with a vital mission to carry out in the world.

The emphasis is more on the communitarian aspect of the Church. While the difference of functions and the variety of charisms of the members of the Church are reiterated, the basic equality of dignity and action of all these members in virtue of their

baptismal incorporation in Christ and His Body, the Church, is asserted with vigour. All members of the Church, each according to his or her condition and place in the Church, are called to sanctity and to active collaboration in building up the Body of Christ through the exercise of the priestly, prophetic and regal functions of Christ perpetuated down the ages in the Church. The hierarchy's role of authority is not downgraded, but the 'service' aspect of this role is stressed.

Consequently, the role of Canon law in the life of the Church is seen from a new perspective. As the law of the salvific community, Canon law finds its basic inspiration in Revelation and retains the pastoral finality of salvation of men as its fundamental aim. In turn, the Code is envisaged as a collection of norms guiding this community in structuring itself and regulating its activities in orderly fashion so as to ensure and promote, as far as possible, the ecclesial conditions in which all the Church's energies, activities and means can be most effectively directed and used for the transmission of divine life to all men, here and now, in this particular period of Man's history.

**The new structure of the 1983 Code**

Even a cursory comparison between the structure of the 1917 Code of Canon Law and the new Code provides ample evidence of this new ecclesiological approach.

The 1917 Code consisted of five Books, reflecting the traditional division into: General Norms; Norms about Persons; Norms about Things; Procedural Norms; and Penal Norms. The Third Book included among 'Things' such disparate elements as the Sacraments, Seminaries, Schools, Censorship, Benefices, pious foundations and material possessions of the Church. The influence of State law and its codification is obvious.

The 1983 Code extends to seven Books. The first book and the last two correspond substantially to those of the 1917 Code, namely: General Norms, Penal Law, and Procedural Law. The two central Books of the 1917 Code have been replaced by four Books: these contain legislation about the Church as "People of God" and its constitution, components, members and structures (Book II); about its essential functions of Teaching (Book III) and of Sanctifying (Book IV); while Book V contains norms about the material means that the Church acquires, possesses and administers to help it fulfil its mission in this world. The norms about the Church's teaching and sanctifying activities are therefore no longer treated under the heading of "Things" but under the more appropriate and theologically correct aspect of the Church in action as one community with a variety of complementary roles assigned to its various members.

The first impression gained is that the new Code is structured in a way more befitting the Church as the "People of God" and as "Community of Salvation" than as a "perfect society" on a par with States.

**New basic attitudes of canonical legislation in the 1983 Code**

Although the new Code preserves much material from the 1917 Code, even if updated to the Church's needs today, it appears to be inspired by new attitudes in line with the Second Vatican Council's perspective on the Church. Some of these changes in the Church's legislation do not cause surprise or excitement today: they had already found their way into the Church's post-conciliar legislation and we have already grown accustomed to them, such as the norms on 'Mixed Marriages'. They are 'new' only when compared with the 1917 Code. Other changes, however, are truly new as principles or norms af actual legislation. For the sake of schematization, I propose to examine and briefly illustrate these new attitudes under the following five headings:

*1. The basic equality of all members of the People of God and role differentiation*

In Book II "On Persons", the 1917 Code approaches the systematization of Church legislation on members of the Church from the following stand-point: after a canon establishing membership and 'personality' (in the juridical sense of the word) in the Church through Baptism (canon 87), the Code gives some technical norms governing different juridical capabilities of various persons in the Church on the basis of many legal criteria, ending up with a theologically based distinction between clerics and laity, and referring also to the existence of Religious in the Church. It then passes on to give norms about Clerics, including hierarchical structures of the Church (canons 108-486); about Religious (canons 487-681); finally about the Laity (only 2 canons) and associations of the faithful (canons 684-725).

The 1983 Code adopts a completely different system in Book II, formally entitled "On the People of God". It starts off with an introductory four canons (204-207) dealing with the faithful in general, the various degrees of communion with the Church, the distinction between clerics and laity, and the existence of members of the Church consecrated by the profession of the evangelical counsels. Then it immediately passes on to assert the true equality of dignity and activity of all members of the Church from the fact of their rebirth in Christ, each cooperating according to his or her condition and function towards the building up of Christ's Body (canon 208). From this principle the new Code immediately derives a whole series of fundamental duties and rights common to all the faithful (canons 209-222) that are to be exercised within the limits required by true ecclesial communion. It would take up too much of our time even to briefly list these fundamental rights and duties: yet this is perhaps the most innovative part of the 1983 Code, codifying for the first time in the Church's legislative experience a set of norms dealing with the basic juridical status of the member of the Church as such within ecclesial communion and the community, and regulating his or her fundamental obligations and freedoms.

The new Code then turns its attention to role differentiation in the Church. Starting from the duties and rights of the laity (canons 224-231), it passes on to those of clerics, including their formation (canons 232-293), and then deals with Associations of the faithful (canons 298-329). It is only then that it passes on to the norms regulating the hierarchical constitution of the Church and its various structures (canons 330-572). Finally it turns its attention to Institutes of Consecrated Life (canons 573-746).

### 2. *The role of the Laity, including women, in the Church*

The 1983 Code attempts to redress somewhat the 'clerical' imbalance of the 1917 Code. It speaks of the laity's specific duties and rights before those of the clergy. It also recognizes a wider scope for lay activity in the Church not only in the sanctification of the temporal order, where the laity's special field of competence particularly lies, but also within the various aspects of the life and activity of the Church itself 'ad intra'. Many ecclesiastical offices are now open or may be opened to the laity by ecclesiastical authorities, except for those requiring the exercise of Holy Orders or powers seen as flowing from them. With proper authorization, lay persons may be appointed to such ecclesiastical offices as judges, Curia chancellors and notaries, besides such traditional ones as catechists and administrators.

What we have said of the laity generally applies to both females and males. A notable exception that has been retained in the new Code is that which precludes women from being officially instituted in the ministries of Lector and Acolyte (canon 230). As a rule, however, no distinction is made between laymen and laywomen in their ability to receive Church offices not connected with Holy Orders.

### 3. *Decentralization of legislative and administrative activity*

The 1917 Code appears characterized by strong centralizing tendencies, in the hands of the Holy See, of the regulation of Church life, especially of its legislation.

Vatican II's ecclesiology brings into better focus the importance of particular ecclesial communities. In line with this, the 1983 Code, while retaining uniformity of discipline in what is considered essential or important for Church unity, allows a wide degree of decentralization in legislative activity and in administrative practice both for particular Churches and for Institutes of Consecrated life.

In fact, the 1983 Code often expressly refers to particular legislation or decisions to be taken by Episcopal Conferences or diocesan Bishops to put into effect or complement universal legislation. Moreover, wide powers of granting dispensations from universal

norms are granted to local Ordinaries to enable them to carry out with greater ease their pastoral mission in favour of those entrusted to their care and solicitude.

Even if to a smaller extent, the same holds good for Institutes of Consecrated life. The Code gives the basic norms but leaves much to be regulated by the Constitutions and Directories of each Institute.

In this way an attempt is made to harmonize the requirements of unity in fundamentals or in important elements with those of diversity according to varying needs of place, time and culture.

### *4. Communitarian involvement and participation in the total mission of the Church*

We have already seen how the new Code in canon 208 places the equality of dignity and action among all of Christ's faithful, because of which all contribute to the building up of the Body of Christ, as the basis from which it derives the various fundamental duties and rights of the faithful.

The Code does not limit itself to stating a principle and to enumerating a number of fundamental rights and obligations. It seeks to give flesh to this principle and these duties and rights by enacting norms about modes and structures of communitarian involvement and participation by the various members of the Church in the life and activity of the Church itself. It does so in two principal ways:

a) In introductory norms about the Church's teaching function, especially with reference to the Ministry of the Divine Word (canons 756-759 and 763-766) and again in the introductory norms about the Church's sanctifying function (canons 835-839) the variety of active **modes** of participation and roles that are carried out by Bishops, presbyters, deacons, religious and lay persons is briefly but pointedly identified and expressed as facets of the one action and mission of the whole Church. In the celebration of the Sacraments, especially, the communitarian nature and form of these celebrations are repeatedly emphasized. Co-responsibilty of all the Church's members for its saving activity is thus stressed, without any confusion of roles and duties.

b) **Structures** of co-responsibility, collegial action and consultation abound in the new Code. These are to be found on every level of the Church's social existence, from the Universal Church through the particular Church (such as the Diocese) and down to the parish level. While the traditional structures of co-responsibility in the Church, that were characterized by episcopal collegiality and solidarity, namely universal and particular Councils, are preserved, new types of structures involving wider or the general membership of the Church are very much in evidence in the new Code. Since the Second Vatican Council we have become quite familiar with some of these structures. The 1983 Code adds a few more.

On the level of the Universal Church, the existence of the Synod of Bishops is confirmed as a mainly consultative body of

Bishops, representing the universal episcopate, around the Pope (canons 342-348). So is the existence of Episcopal Conferences, generally on a national basis, grouping bishops of the dioceses of a whole nation or region, generally with pastoral intent, occasionally also with legislative authority (canons 447-459). On the diocesan level, the Diocesan Synod is now no longer open only to clerics, as in the 1917 Code, but also to the laity, whether elected by the Pastoral Council of the Diocese or nominated by the Bishop (canon 463); the Council of Priests is reaffirmed as an obligatory structure in every Diocese (canon 495), while a new 'College of Consultors', whose members are chosen by the Bishop from among the members of his Council of Priests, is established and given a say in several important matters (Canon 502). A Diocesan Pastoral Council, with members drawn from among clerics, religious and above all lay people, although not strictly obligatory, is also provided to study pastoral activity in the Diocese and to submit practical suggestions (canons 511-514). On the parish level, it is left up to the Diocesan Bishop to decide, after consulting his Council of Priests, whether to oblige parishes to establish pastoral councils to foster pastoral action (canon 536); while a finance committee including members of the community is an obligatory structure in every parish (canon 537).

*5. A more personalistic approach complementing the institutional approach*

The 1983 Code modifies the institutional approach to the legislative activity of the Church, so obvious in the 1917 Code, by complementing it with a more personalistic approach in several instances. The tyranny of time allows us to consider only one example.

Following the Second Vatican Council's teaching on marriage, the new Code defines marriage in terms of "a covenant by which a man and a woman establish between themselves a partnership of their whole life, and which of its very nature is ordered to the well-being of the spouses and to the procreation and upbringing of children" (canon 1055). It is brought into being by lawfully manifested consent or act of will by which the spouses "mutually and irrevocably give and accept one another for this purpose" (canon 1057). The more personalistic tone of this definition comes out quite clearly if we compare it with the definition of matrimonial consent of canon 1081 of the 1917 Code as "the act of the will by which both parties give and accept a perpetual and exclusive right over the body in relation to those acts that are of their nature apt for the generation of offspring".

As a result of this more personalistic approach, the new canonical legislation on marriage gives greater attention to the preparation of spouses for marriage; reduces and simplifies the impediments to marriage; and with its greater awareness of what is required for true personal consent for marriage, it expressly widens the field of what are technically known as the 'vices' or defects of consent rendering marriage null to cover such grounds as serious

lack of discretionary judgement concerning matrimonial rights and obligations, causes of a psychological nature rendering the party incapable of assuming the essential obligations of marriage, and deceit perpetrated to secure consent where it concerns some quality of the other party which of its nature can seriously disrupt the partnership of conjugal life.

**An Evaluation**

In this brief encounter with the new Code we have attempted to see its newness mainly from the stand-point of its efforts to translate into canonical terms, as far as lies within its field, the insights of Vatican II into the nature and activity of the Church.

I feel that we are still too close to the new Code, indeed to the Second Vatican Council itself, to give an adequate judgement. I would however venture to submit an initial evaluation to your kind consideration. Like all human instruments at the service of God's salvific action on humanity through the Church, the new Code has its limitations and imperfections, some of them only too obvious. Yet on the whole it seems that the Code has managed to synthesize satisfactorily much that is old from canonical tradition with much that is new from the ecclesiological insights of Vatican II. However, even if the new Code is the end of a long process of revision lasting more than sixteen years, in itself it has to be seen as just a stage, one might say 'another beginning', in the continuous, on-going process of the Church's self-realization and self-actualization under the guidance of the Holy Spirit and of those whom the Holy Spirit has placed to guide authoritatively the Church of God.

**Bachelors in Arts (Religious Studies)**

Sr. Cecilia Aquilina
Nicholas Balzan
Jean Bartolo
Carmen Bonello
Carmen Bonnici
Sr. Mary Borg
Carmelina Busuttil
Helen Busuttil
Julian Calleja
Joseph L. Camilleri
Alfred Cassar
Joseph Cassar
Emanuel Chetcuti
Anthony Cordina
Ruby Cuschieri
Maria Dolores Ellul
Josephine Farrugia
Francis A. Fenech
Rev. Anthony Grech
Sr. Frances Grech
Carmel Mallia
Sr. M. Carmela McKeon
Sr. Mary Mizzi
Grazio Pace
Leslie Sammut
Phyllis Sammut Smith
Joseph Scicluna
Edward Spiteri
Marjorie Vella
Mgr. Laurence Xerri
Carmen Xuereb
Mansueto Zerafa

**Diplomas in Pastoral Theology**

Rev. John Farrugia
Rev. Angelo Grech

**Diplomas in Religious studies**

Silvio Meli
Ronald Sultana (in absentia)
Bernardette Zammit Lupi

# DISSERTATIONS SUBMITTED BY GRADUANDS

## B.A. in Religious Studies

Sr. Cecilia Aquilina, **The Place of the Religious in the Mission of the Church.**

Nicholas Balzan, **Photo-Language with Various Age-Groups.**

Jean Bartolo, **Mysticism and Liturgical Prayer.**

Carmen Bonello, **The Role of the School Counsellor.**

Carmen Bonnici, **Detachment - Involvement: A process of self actualization.**

Sr. Mary Borg, **Affective Maturity: A Requitisite in the Life of a Religious.**

Carmelina Busuttil, **Church Teaching and Film Censorship.**

Helen Busuttil, **Mary, the New Woman.**

Julian Calleja, **Historical Development in Church Architecture.**

Joseph L. Camilleri, **The Morality of Civil Disobedience.**

Alfred Cassar, **The Challenge of 20th Century Atheism.**

Joseph Cassar, **Sin and Reconciliation in Modern Theology.**

Emanuel Chetcuti, **The Fundamental Option and Sin.**

Anthony Cordina, **Parent-Child Relationship.**

Ruby Cuschieri, **Growth in Christ according to St. Paul.**

Maria Dolores Ellul, **The Bhagavad-Gita: Aspects, Views and Reflections.**

Josephine Farrugia, **Il-Valur Feddej tar-Reżurezzjoni.**

Francis A. Fenech, **L-Eskatoloġija fil-Konċilju Vatikan II.**

Rev. Anthony Grech, **Eschatology in the Old Testament.**

Sr. Frances Grech, **Children in Care: a psychological perspective.**

Carmel Mallia, **Il-Wegħdiet tal-Magħmudija fl-Impenn tan-Nisrani.**

Sr. M. Carmela McKeon, **The Missions of the Sisters of St. Dorothy in the Church.**

Sr. Mary Mizzi, **God's People at Prayer.**

Grazio Pace, **Iċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija għat-tfal ta' 7-10 snin.**

Leslie Sammut, **Influencing Psychological Factors in Marital Breakdown.**

Phyllis Sammut Smith, **Vocational Counselling of School Leavers.**

Joseph Scicluna, **The Catholic Doctrine on Purgatory.**

Edward Spiteri, **Social and Economic Affairs according to the II Vatican Council.**

Marjorie Vella, **The New Testament Presentation of Jesus as the Messiah.**

Mgr. Laurence Xerri, **"Jiena Hu r-Ragħaj it-Tajjeb" S. Ġwann 10, v. 11.**

Carmen Xuereb, **L-Użu tal-Bibbja fil-Kateketi b'riferenza speċjali għat-tfal ta' 8 - 10 snin.**

Mansueto Zerafa, **"Who can this be?" (Mk 4,41).**

## Diplomas in Pastoral Theology

Rev. John Farrugia, **Il-konflitt tal-Partiti tal-festi sekondarji u l-Knisja Maltija.**

Rev. Angelo Grech, **A Pastoral Plan for a Parish.**

## Diplomas in Religious Studies

Silvio Meli, **The Relationship between Law & Morals in Human Behaviour.**

Ronald Sultana, **Approaches to Bereavement and Counselling of the Bereaved.**

Bernadette Zammit Lupi, **The Church of the Poor in the Social Doctrine of Paul VI.**

# IL-PAĊI TIĠI MINN QALB ĠDIDA

Lill-mexxejja politiċi tan-nazzjozjonijiet.

Lil dawk attivi fil-ħajja ekonomika, soċjali u kulturali.

Liż-żgħażagħ li huma mimlijin b'tama f'dinja ta' solidarjeta' u fraternita',

Lilkom ilkoll, irġiel u nisa, li tixtiequ l-paċi.

Qed inkellimkom ma' sbiħ is-sena 1984, li minn kullimkien tidher mgħobbija b'mistoqsijiet u qtigħ il-qalb, iżda wkoll, fl-istess ħin, għonja b'tamiet u proġetti għall-ġejjieni. L-appell tiegħi għal dan is-17-il Jum Dinji tal-Paċi ħiereġ minn qiegħ qalbi, u naf li hu l-eku tax-xewqat ta' tant irġiel u nisa li huma mxennqin għall-fraternita' f'dinja mifruda. Il-messaġġ tiegħi hu fl-istess ħin messaġġ sempliċi, iżda jitlob ħafna minn għandkom, għaliex jolqotkom wieħed wieħed personalment. Il-messaġġ tiegħi qed jistieden lil kull wieħed u waħda minnkom biex tagħtu sehemkom ħa sseħħ il-paċi fid-dinja, mingħajr ma tgħabbu 'l ħaddieħor b'dan dmirkom. It-tema li qiegħed nipproponilkom biex taħsbu fuqu u twettquh huwa dan: Il-paċi tiġi minn qalb ġdida.

## 1. QAGĦDA PARADOSSALI

Illum wieħed ma jistax ma jintlaqatx mid-dellijiet u t-theddid, iżda fl-istess ħin ma jistax ma jinsiex id-dawl u t-tamiet.

**Il-paċi, iva, malajr tinkiser** u l-inġustizzja toktor. Hemm gwerer bla ħniena f'ħafna pajjiżi, u jkomplu sejrin minkejja li l-imwiet, inniket u l-ħerbiet jiżdiedu, qisu ma hemm ebda sinjal ta' soluzzjoni. Il-vjolenza u t-terroriżmu fanatiku ma jeħilsux minnhom pajjiżi oħra, u huma spiss dawk bla ħtija li jħallsu qares, waqt li l-passjonijiet jiżdiedu u l-biża' jista' jwassal għal kull xorta ta' estremiżmu. F'ħafna postijiet id-drittijiet tal-bniedem huma mkasbra, il-libertà mwaqqa' għaċ-ċajt, nies jintbagħtu l-ħabs inġustament, tingħata mewt ħesrem għar-raġunijiet ta' partit, u f'dan is-seklu XX, li ra joktru d-Dikjarazzjonijiet u l-qrati ta' l-appell, lid-dinja jingħata tagħrif qarrieqi jew, jekk jingħata tagħrif minnu, id-dinja ssib li ma tista' tagħmel xejn biex twaqqaf l-abbużi. Ħafna pajjiżi qegħdin jitħabtu u jbatu biex jirbħu l-ġuħ, il-mard u n-nuqqas ta' progress, waqt li pajjiżi għonja qegħdin isaħħu l-qagħda tagħhom u l-ġirja għall-armi tal-gwerra qiegħda tkompli tibla, bla ebda raġuni, ir-riżorsi kollha li jistgħu jintużaw aħjar. Iż-żjieda fl-armi konvenzjonali, kimiċi, batterjoloġiċi u, fuq kollox, nukleari huwa theddida ta' biża' li qiegħda ttaqqal il-ġejjieni tan-nazzjonijiet, l-aktar dawk ta' l-Ewropa, u ġġib tħassib mhux fieragħ fost il-popolazzjonijiet tagħha. L-opinjoni pubblika m'hijiex f'sikitha minħabba dawn ir-raġunijiet ġodda u serji, u dan jiena nifhmu sewwa.

Id-dinja ta' żmienna hi qiesha mħabbla f'xibka ta' tensjonijiet. It-tensjoni bejn il-Lvant u l-Punent tolqot mhux biss in-nazzjonijiet li huma direttament interessati, imma tolqot ukoll u tagħmel aktar imwiegħra qagħdiet diffiċli f'imkinijiet oħra tad-dinja. F'qagħ-

da bħal din, irridu nqisu l-periklu tassew kbir li jiġi minn din it-tensjoni dejjem tiżdied u minn polarizzazzjoni ta' kobor bla, qjies speċjalment jekk inqisu x'mezzi kbar hemm illum, mezzi li qatt qabel ma smajna bihom, li jistgħu jġibu ħerba li qatt qabel ma kien hawn bħalha. U b'dan kollu, minkejja li qegħdin jintebħu b'dan il-perikolu, il-protagonisti ta' din it-tensjoni qegħdin isibuha ħafna bi tqila, biex ma ngħidux li qed iħossu ruħhom bla ħila, li jwaqqfu dan il-proċess u jsibu mezzi konkreti ħa jnaqqsu din it-tensjoni, inaqqsu l-armi tal-gwerra, u jaslu għall-ftehim bejniethom, ħalli jkunu jistgħu jiddedikaw ruħhom aktar għall-għaniet iktar importanti tal-isvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali.

Għalkemm it-tensjoni bejn il-Lvant u l-Punent, bl-ideoloġija tagħhom warajhom, qiegħda tiġbed l-attenzjoni kollha ta' kulħadd u tkattar il-biża' ta' għadd kbir ta' pajjiżi, speċjalment fl-Ewropa, fl-Asja u fl-Amerika ta' fuq, din it-tensjoni ma għandhiex tnaqqas l-importanza ta' tensjoni oħra aktar fundamentali bejn **it-tramuntana u n-nofs-in-nhar tad-dinja**, tensjoni li tolqot l-istess ħajja ta' kotra kbira ta' bnedmin. Dan it-tensjoni hi l-problema tal-kuntrast dejjem jiżdied bejn pajjiżi li kellhom kull opportunità biex iħaffu l-isvilupp tagħhom u jkattru ġidhom, u pajjiżi oħra li ma jistgħux joħorġu minn qagħda ta' nuqqas ta' progress. Din hi kawża oħra kbira ta' oppożizzjonijiet, imrar, irvellijiet jew biża', l-aktar għax ġejjin minn ħafna suriet ta' inġustizzja.

Hu minħabba dawn il-problemi hekk kbar li jien qed nipproponilkom it-tema tat-tiġdid tal-"qalb". Wieħed jista' jaħseb li din il-proposta tiegħi hi sempliċi żżejjed u l-mezzi li hemm ma jaslux biex ilaħħqu għaliha. Iżda jekk wieħed jaħseb sewwa fuqha, l-analisi li għadni kemm għamilt, tgħinna biex ninżlu fil-fond tal-problema u tista' twassalna biex ngħarblu kemm siwi għandu kull ma qed inqisu li hu verament theddida għall-paċi. Il-fatt li d-dinji ma tistax tegħleb it-tensjonijiet li hemm, turi li l-ostakoli, u t-tamiet ukoll, ġejjin minn xi ħaġa li hi aktar fil-fond mis-sistemi stess.

## 2. IL-GWERRA TOĦROĠ MILL-ISPIRTU TAL-BNIEDEM

Jiena żgur fuq li żgur, u dan ukoll narawh mill-Iskrittura u mill-ħsieb nisrani, u nittama li qed jintebħu bih ħafna rġiel u nisa ta' rieda t-tajba, li l-gwerer għandhom il-bidu tagħhom fil-qalb tal-bniedem. Hu l-bniedem li joqtol u mhux ix-xabla tiegħu jew, illum, il-missili tiegħu. Il-"qalb" skond l-Iskrittura, hi l-qiegħ nett tal-persuna tal-bniedem fir-relazzjoni tiegħu ma' dak li hu tajjeb, ma' l-oħrajn, ma' Alla. M'hijiex fuq kollox kwistjoni ta' xi ġibda, imma hi kwistjoni ta' kuxjenza, ta' konvinzjoni, ta' sistema ta' ħsieb li miegħu wieħed jintrabat, kif hi wkoll kwistjoni tal-passjonijiet li jinfluwenzawk. Hu f'qalbu li l-bniedem iħoss x'inhuma l-valuri assoluti ta' tajjeb, tal-ġustizzja, tal-imħabba għal aħwa, tal-paċi.

Id-diżordni tal-qalb hu fuq kollox diżordni fil-kuxjenza, meta din tibda ssejjaħ tajjeb jew ħażin dak li bi ħsiebha tagħżel biex tissodisfa l-interessi materjali tagħha

jew ix-xewqa tagħha għas-setgħa. Għalkemm it-tħaddim tas-setgħa hu kompless ħafna, dan ma jfissirx li ma jkunx hemm dejjem ukoll ir-responsabbiltà tal-kuxjenza ta' l-individwu fit-tħejjija li ssir għal xi gwerra, fil-bidu tagħha u biex tkompli sejra. Il-fatt li r-responsabbiltà jkunu qed jaqsmuha bejniethom għadd ta' nies ma jnaqqas xejn minn dan il-prinċipju. Iżda din il-kuxjenza spiss tiġi mħajra, biex ma ngħidx imjassra, minn **sistemi soċjo-politiċi u ideoloġiji** li fihom infushom huma frott il-ħidma tal-bniedem. Daqskemm il-bniedem iħalli lilu nnifsu jiġi msaħħar minn sistemi li jagħtu dehra sħiħa tad-dinja tal-bniedem kollha kemm hi, jew kważi kollha kemm hi, Manikea, daqshekk ieħor hu jagħmel il-ġlied kontra oħrajn u l-qerda jew it-tjassir tagħhom, kondizzjoni għall-progress, jingħalaq fih innifsu b'mentalità ta' ġlied li tkabbar it-tensjonijiet u tasal biex bl-ebda mod ma tkun kapaċi għal djalogu ma' oħrajn. Xi kull tant din ir-rabta sħiħa u assoluta ma' dawn is-sistemi ssir sura ta' qima tas-setgħa, sura ta' qima tal-qawwa u ta' l-għana, sura ta' jasar li jeqred il-libertà tal-istess mexxejja.

'Il fuq minn dawn is-sistemi ideoloġiċi u 'l barra minnhom, hemm **il-passjonijiet** li jħawwdu l-qalb tal-bniedem u jħajruha għall-ġlied, passjonijiet li huma ta' ħafna suriet. Il-bniedem jista' jħalli ruħu jintrebaħ mill-ħsieb li hu xi razza superjuri u minħabba f'hekk jasal biex jobgħod bnedmin oħra, jew jintrebaħ mill-invidja jew mill-għira għall-ġid u l-għana ta' l-oħrajn, jew jintrebaħ, b'mod ġenerali, mir-regħba għas-setgħa, mill-kburija, mix-xewqa li jaħkem fuq ġnus oħra li ma jaħmilx.

Il-passjonijiet, iva, spiss jintqanqlu minn **frustrazzjonijiet veri** li jġarrbu individwi u nazzjonijiet meta oħrajn ma jkunux iridu jingarantulhom l-eżistenza tagħhom, jew meta l-kondizzjonijiet soċjali tagħhom mhux sè jwassluhom malajr għad-demokrazija u għat-tisħib fil-ġid. **L-inġustizzja** hi vizzju kbir f'qalb min jipprofitta ruħu mill-oħrajn. iżda xi kull tant il-passjonijiet jiġu mqanqla apposta. Gwerra ma tantx tibda malajr fejn in-nies fuq iż-żewġ naħat ma għandhomx sentimenti qawwija ta' ostilità għal xulxin, u meta ma humiex konvinti li dak li qed jitolbu l-oħrajn se jhedded l-interessi vitali tagħhom. Dan igħinna nifhmu **l-manipulazzjonijiet ideoloġiċi** li bihom jinqdew dawk li jridu l-ġlied. Malli jibda l-ġlied, l-ostilità tikber għax tissaħħaħ bit-tbatijiet u l-kefrija li jġarrbu ż-żewġ naħat: ir-riżultat imbagħad jista' jkun psikosi ta' mibgħeda.

Fl-aħħar mill-aħħar, mela, il-vjolenza u l-gwerer jiġu mid-dnub tal-bniedem, mill-għama ta' ruħu, mid-diżordni f'qalbu, li jwassluh biex iwaħħal fl-inġustizzja ħa jxerred u jqawwi t-tensjoni u l-ġlied. Iva, il-gwerra tiġi **mill-qalb midinba tal-bniedem**, sa minn meta l-għira u l-vjolenza mlew qalb Kajin meta ltaqa' ma' ħuh Abel, skond il-ġrajja qadima ta' l-Iskrittura. M'huwiex mela kwistjoni ta' **firda aktar fil-fond**, il-fatt meta l-bnedmin jaslu biex ma jaqblux bejniethom x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin u liema huma l-valuri tal-ħajja li tagħha Alla huwa l-bidu u l-garanzija? Ma jagħtix dan tifsira għat-triq li taqbad "qalb" il-bnie-

dem, meta ma jasalx biex jagħmel paċi ma' sħabu fuq bażi ta' verità, irġulija u tjieba tal-qalb?

Il-paċi li sseħħ mill-ġdid tkun għall-ftit żmien u tkun tassew fiergħa jekk ma jkunx hemm bidla vera tal-qalb L-istorja tgħallimna li, ukoll f'dawk il-pajjiżi li ġew okkupati jew ġew imċaħħda minn drittijiethom, il-"ħelsien" li għalih il-poplu kien ilu żmien ħerqan, ma jkunx dak li stenna għaliex il-mexxejja u ċ-ċittadini jibqgħu moħħom magħluq, intolleranti u rashom iebsa, u ma jaslux biex jegħilbu l-antagoniżmu tagħhom. Fl-Iskrittura stess, il-profeti jistmerru ħelsien bħal dan, ħelsien fieragħ, għax ma hemmx veru bidla tal-qalb, "konversjoni" vera.

### 3. IL-PAĊI TIĠI MINN QALB ĠDIDA

Jekk is-sistemi tal-lum, li ħarġu minn "qalb" il-bniedem, deħru li mhux kapaċi biex jiżguraw il-paċi, allura hi l-qalb tal-bniedem li trid tiġġedded, biex jiġġeddu s-sistemi, l-istituzzjonijiet u l-metodi. Il-fidi nisranija għandha kelma li tfisser tajjeb din il-bidla fondamentali tal-qalb, hi l-"konversjoni". Jekk nitkellmu b'mod ġenerali din m'hijiex ħlief li terġa' tibda tara kull ħaġa b'mod ċar u imparzjali, bi spirtu ħiees, b'sens ta' ġustizzja għaddrittijiet tal-bniedem, b'sens ta' ħaqq fis-sewwa f'solidarjetà sħiħa bejn il-fqar u l-għonja, fiduċja sħiħa f'xulxin u mħabba ta' aħwa.

L-ewwel nett l-individwi u n-nazzjonijiet iridu jiksbu **spirtu ħieles** biex iħossu kemm kienet bla frott l-imġiba ta' l-imgħoddi, kemm kienu qarrieqa u parzjali s-sistemi filosofiċi u soċjali kellhom il-bidu tagħhom minn premessi diskutibbli u li jirriduċu l-bniedem u l-ġrajja tiegħu għal sistema magħluq ta' qawwiet materjalistiċi, li jafdaw biss fil-qawwa ta' l-armi u fis-setgħa ta' l-ekonomija, li jiġbru l-bnedmin kollha f'għadd ta' kategoriji waħda kontra l-oħra, li jagħtu soluzzjonijiet favur naħa waħda biss, li jinjoraw kemm hija komplessa l-ħajja vera tan-nazzjonijiet, u ma jħallux li jiġu trattati bħala nazzjonijiet ħielsa. Jeħtieġ għalhekk li jiġu eżaminati mill-ġdid dawn is-sistemi li bid-dieher li jwasslu għal waqfien sħiħ tat-trattattivi, imewtu d-djalogu u l-ftehim, joħolqu nuqqas ta' fiduċja, ikattru t-theddid u l-perikoli, mingħajr ma jħollu l-problemi veri li jkun hemm, mingħajr ma jagħtu ħarsien żgur, mingħajr ma jwasslu biex in-nies ikunu tassew hienja, ħielsa u fis-sliem. Din il-bidla mill-egħruq fl-ispirtu u l-qalb żgur titlob il-kuraġġ ta' l-umiltà u moħħ miftuħ. Trid tinfluwenza l-fehma ta' kulħadd flimkien, billi l-ewwel tolqot il-kuxjenza ta' kull individwu. Hi din xi tama li qatt ma tista' tkun? In-nuqqas ta' ħila u l-perikolu li fih jinsabu n-nies tal-lum jġagħluhom ma jħallux għal żmien ieħor **li jerġgħu lura għall-verità** li biss tista' tagħtihom ħelsien veru u kapaċi jkollhom sistemi aħjar. Din hi l-ewwel kondizzjoni meħtieġa biex tinħoloq "qalb ġdida".

L-elementi l-oħra pożitivi huma magħrufin sewwa. Biżżejjed insemmuhom. Il-paċi hi vera jekk hi frott tal-**ġustizzja**. **Opus iustitiae pax** (ara Is 32,17), igħid il-profeta Isaija: ġustizzja bejn dawk li huma sħab fis-soċjetà, u ġustizzja bejn il-popli. U soċjetà hi ġusta u tixraq lill-bniedem jekk tħares **id-drittijiet fondamentali tal-persuna**

**tal-bniedem.** Madankollu l-ispirtu tal-gwerra jinbet u jissaħħaħ fejn id-drittijiet fondamentali tal-bniedem huma mkasbra. Ukoll meta dittatur jew stat totalitarju jasal biex għal xi żmien itemm l-ilmenti ta' min hu maħqur u wżat minn oħrajn, il-bniedem ġust jibqa' sħiħ fil-fehma tiegħu li ebda ħaġa ma tista' tiġġustifika t-tkasbir tad-drittijiet tal-bniedem: il-bniedem ġust għandu l-kuraġġ jaqbeż għal min qed ibati u ma jċedix quddiem l-inġustizzja u ma jasalx għall-ebda kompromess magħha; u min irid tassew il-paċi qatt ma huwa se jaċċetta kull xorta ta' paċifiżmu — jidher kemm jidher li ħaġa bħal din hi paradoss — għax kull paċifiżmu mhux ħlief nuqqas ta' kuraġġ jew biss ħarsien tal-hena tiegħek. Tant hu veru dan li dawk li tiġihom it-tentazzjoni li jaħkmu fuq l-oħrajn isibu dejjem ir-reżistenza ta' rġiel u nisa intelliġenti u kuraġġużi, lesti biex jiddefendu l-libertà ħalli jġibu 'l quddiem il-ġustizzja.

L-egwaljanza titlob ukoll li jissaħħu r-reazzjonijiet ta' ġustizzja u ta' **solidarjetà man-nazzjonijiet fqar,** speċjalment ma' dawk li huma mġarrbin mill-faqar u l-ġuħ. Il-frażi tal-Papa Pawlu VI illum turi l-konvinzjoni ta' ħafna nies: Il-progress hu isem ieħor għall-paċi. Imbagħad in-nazzjonijiet għonja joħorġu mill-egoiżmu kollettiv tagħhom biex jaħsbu mod ieħor dwar skambji ma' xulxin u għajnuna għal xulxin billi bil-ħarsa tagħhom iħaddnu x-xefaq kollu tad-dinja.

Aktar u aktar qalb ġdida tfittex li twarrab il-biża' u l-psikosi tal-gwerra. Twarrab il-prinċipju li jgħid li jkun hemm il-paċi meta jkun hemm bilanċ fl-armi tal-gwerra, u minn floku ddaħħal prinċipju ieħor, jiġifieri li l-vera paċi timbena biss fuq **il-fiduċja f'xulxin** (**Pacem in Terris** 113). Tkun, iva, dejjem għassa u moħħha ċar biex tintebaħ b'kull gidba jew manipulazzjoni, u biex timxi 'l quddiem bil-għaqal. Imma tissogra tibda djalogu u tibdieh u terġa' tibdieh bla ma taqta' qalbha, kif għidt jien issena l-oħra.

F'kelma waħda, qalb ġdida hija qalb li tħalli **l-imħabba** tmexxiha. Il-Papa Piju XI kien qal li ma jistax ikun hemm "paċi vera fid-dieher bejn l-individwi u l-popli jekk ma jkunx hemm spirtu ta' paċi fil-moħħ u fil-qalb... fil-moħħ sabiex wieħed jagħraf x'inhuma d-drittijiet tal-ġustizzja u jħarishom; fil-qalb biex il-ġustizzja tissieħeb ma' l-imħabba li tegħleb ukoll il-ġustizzja, għax jekk il-paċi trid tiġi mill-ħidma għall-ġustizzja u tkun il-frott tagħha... il-paċi tappartieni aktar lill-imħabba milli lill-ġustizzja" (Diskors ta-24-12-1930). Dan mhux ħlief ċaħda tal-vjolenza, tal-qerq u tal-mibgħeda; dan mhux ħlief li wieħed isir, fil-fehma, fis-sentimenti, u fl-imġiba kollha tiegħu, hu l-oħrajn kollha, wieħed li jagħraf id-dinjità u l-ħtiġijiet ta' l-oħrajn, u jfittex li jaħdem magħhom għall-ħolqien ta' dinja ta' paċi.

### 4. APPELL LILL-MEXXEJJA POLITIĊI U LIL DAWK LI JINFLUWENZAW L-OPINJONI PUBBLIKA

Għaliex hu meħtieġ li kull bniedem ikollu qalb ġdida u tiġi 'l quddiem mentalità ta' paċi, l-irġiel u n-nisa kollha, hi x'inhi l-qagħda tagħhom fis-soċjetà, jistgħu u għandhom verament jidħlu għas-sehem

tagħhom ta' responsabbiltà għall-bini ta' paċi vera, fil-qasam fejn igħixu, fil-familja, fl-iskola, fin-negozju, fil-belt. Fit-tħassib tagħhom, fil-konversazzjonijiet u l-attivitajiet tagħhom, għandhom juru tħassib għal ħuthom kollha, il-bnedmin l-oħra, ukoll jekk jinsabu fit-tarf l-ieħor tad-dinja huma fi ħsiebhom.

Iżda hemm ħafna gradi ta' responsabbiltà. Ir-responsabbiltà tal-kapijiet ta' l-Istat u tal-mexxejja politiċi, hi ewlenija ħalli jkun hemm u jiġu 'l quddiem relazzjonijiet ta' paċi bejn l-oqsma kollha ta' kull nazzjon u bejn il-popli. Huma, aktar minn oħrajn, għandhom ikunu konvinti li kull gwerra hi fiha nfisha ħaġa kontra r-raġuni, u l-prinċipju morali ta' soluzzjoni paċifika ta' kull konflitt hija t-triq waħdanija li tixraq lill-bniedem. Veru li wieħed irid iqis x'kobor ta' vjolenza hemm fl-istorja tal-bniedem. U f'din l-istorja huwa dan is-sens tar-realtà fil-qadi tat-tħabrik fondamentali għall-ġustizzja li jġiegħel 'il wieħed iħaddan il-prinċipju li għandu jiddefendi ruħu meta jiġi attakkat inġustament. Imma r-riskju tal-biża' li fihom l-armi li jistgħu jġibu ħerba bla qjies għandu jwassal biex jitfasslu sistemi ta' ħidma flimkien u ta' diżarm li jwasslu biex jagħmlu l-gwerer ħaġa li fil-prattika ma tistax tkun. Il-paċi trid tintrebaħ. Aktar u aktar, il-kuxjenza tal-mexxejja politiċi ma għandhiex tħallihom jitħajru għall-avventuri perikolużi, fejn il-passjoni tegħleb il-ġustizzja. Ma għandhomx jissagrifikaw bla bżonn għandhomx jissagrifikaw bla bżonn il-ħajja taċ-ċittadini sħabhom f'avventuri bħal dawn, jew iqajmu ġlied bejn oħrajn, jew jinqdew bl-iskuża li l-paċi tinsab mhedda f'xi mkien biex jaħkmu artijiet ġodda. Dawn il-mexxejja jridu jqisu dan kollu f'moħħhom u fil-kuxjenza tagħhom, u jwarrbu kull opportuniżmu politiku; ta' dan ikunu jridu jagħtu kont lill-popli tagħhom u lil Alla.

Iżda nerġa' ntenni li l-paċi hija dmir kulħadd. L-**Organizzazzjonijiet Internazzjonali** għandhom ukoll ħidma x'jagħmlu biex soluzzjonijiet universali jieħdu l-post ta' kull fehma ta' naħa waħda. L-appell tiegħi hu l-aktar għal dawk kollha li permezz tal-mass media jinfluwenzaw **l-opinjoni pubblika,** għal dawk kollha li qed iħabirku **għall-edukazzjoni tal-kbar u taż-żgħar:** f'idejhom hu fdat it-trawwiem ta' l-ispirtu tal-paċi. Fis-soċjetà, jista' wieħed ma jqisx b'mod speċjali **liż-żgħażagħ?** Quddiem ġejjieni kollha theddid li qed jistennew, żgur aktar minn ħaddieħor jixtiequ l-paċi. U ħafna minnhom lesti joffru l-ġenerożità tagħhom u l-enerġiji kollha tagħhom għall-paċi. Ħalluhom ikunu kreattivi fis-servizz għall-paċi, mingħajr ma jaslu qatt li ma jarawx l-affarijiet b'mod ċar, u għalhekk ħalluhom juru l-kuraġġ tagħhom, huma u jqisu l-aspetti kollha ta' soluzzjonijiet fit-tul! Fi ftit kliem, kulħadd, irġiel u nisa, għandu jagħti sehmu għall-paċi, kull wieħed skond is-sensibilità proprja tiegħu, huwa u jaqdi l-ħidma partikulari tiegħu. **In-nisa**, li huma hekk mill-qrib marbutin mal-misteru tal-ħajja, jistgħu jgħinu ħafna ħa jġibu 'l quddiem l-ispirtu tal-paċi, huma u jfittxu li jħarsu l-ħajja, konvinti li l-imħabba vera biss hija l-

qawwa waħdanija li tista' twassal biex id-dinja tkun post fejn kulħadd jista' jgħix fis-sliem.

## 5. APPELL LILL-INSARA

Aħna l-insara, dixxipli ta' Ġesù, li nqabdna mit-tensjonijiet ta' żmienna, għandna niftakru li ma hemmx hena ħlief għal dawk li "jġibu l-paċi" (Mt 5,9).

Il-Knisja Kattolika qed tiċċelebra s-Sena Mqaddsa tal-Fidwa: il-Knisja kollha hi mistiedna tħalli ruħha tittieħed mill-Feddej li darba qal lin-nies, li ħabbhom għall-aħħar: "Nagħtikom is-sliem tiegħi" (Ġw 14,27). Fil-Knisja, kulħadd irid jaqsam ma' ħutu kollha t-tħabbira tas-salvazzjoni u l-qawwa tat-tama.

Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet fuq ir-Rikonċiljazzjoni u l-penitenza dan l-aħħar fakkar fl-ewwel kliem ta' Kristu; "Indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba" (Mk 1,15). Il-Messaġġ ta' l-isqfijiet tas-Sinodu jurina liema hi t-triq li minnha rridu ngħaddu biex inkunu tassew nies li jġibu l-paċi: "Il-Kelma ssejħilna għall-penitenza u l-konverżjoni tal-qalb, biex nitolbu maħfra u nerġgħu ninħabbu mal-Missier. Il-pjan li Alla l-Missier ried għas-soċjetà tagħna hu li ngħixu flimkien qisna familja waħda fil-ġustizzja, u l-verità, il-libertà u l-imħabba". Din il-familja tkun verament magħquda f' paċi sħiħa jekk nilqgħu s-sejħa tal-Missier biex ninħabbu ma' Alla nnifsu.

Meta aħna nwieġbu għal din is-sejħa u nikkooperaw mal-pjan ta' Alla, inkunu qed inħallu lil Alla jikkonvertina. Ma nafdawx biss fil-ħila tagħna u lanqas fir-rieda tagħna li spiss tonqosna. Ha nħallu ħajjitna tinbidel, għax "kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija" (2 Kor 5,18).

Ha nsibu mill-ġdid il-qewwa tat-talb: meta nitolbu nkunu ninħabbu ma' dak li lilu nkunu nitolbuh, ma' dak li miegħu niltaqgħu, ma' dak li jagħtina l-ħajja. Meta nitolbu, inkunu qed naċċettaw il-grazzja li tbiddilna: l-Ispirtu s-Santu, f'għaqda ma' ruħna, jorbotna biex inxebbhu ħajjitna mal-Kelma ta' Alla. Meta nitolbu nkunu qed nidħlu fil-ħidma ta' Alla fl-istorja tad-dinja: Hu, l-artista sovran ta' l-istorja, ried li l-bnedmin jikkollaboraw miegħu.

San Pawl igħidilna fuq Kristu: "Hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna" (Ef 2,14). Nafu x'qawwa kbira ta' ħniena tbiddilna bis-**Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.** Dan id-don għandu jaħkimna għal kollox. U għalhekk, jekk aħna verament ta' kelmtna, ma nistgħux nibqgħu naċċettaw il-firdiet u l-ġlied li jqegħduna kontra xulxin minkejja li nistqarru fidi waħda; ma nistgħux naċċettaw, bla ebda reazzjoni, il-fatt li għadu sejjer il-ġlied li qed ifarrak l-għaqda tal-bnedmin bejniethom, tal-bnedmin li huma msejħa biex ikunu ġisem wieħed. Jekk aħna niċċelebraw il-maħfra, nistgħu nibqgħu niġġieldu bla ma nieqfu qatt? Nistgħu nibqgħu egħdewwa aħna u nsejħu l-istess Alla l-ħaj? Jekk il-liġi tal-imħabba ta' Kristu hija l-liġi tagħna, nistgħu nibqgħu siekta u ma nagħmlu xejn waqt li d-dinja miġruħa qed tħares lejna u tistedinna nkunu waqt li d-dinja miġruħa qed jibnu l-paċi?

Waqt li fiċ-ċokon tagħna na-

għarfu kemm aħna dgħajfa, ħa nersqu lejn **il-mejda ta' l-Ewkaristija,** fejn dak li jagħti l-ħajja lill-kotra ta' ħutu jagħtina qalb ġdida, iqiegħed fina ruħ ġdida (Eżek 36.26). Fil-fond tal-faqar u t-taħwid tagħna, ħa nroddu ħajr bih, għax hu jgħaqqadna flimkien bil-preżenza u l-għotja tiegħu nnifsu, hu li "ġie jħabbar is-sliem lilkom li kontu 'l bogħod u sliem lil dawk li kienu fil-qrib" (Ef 2,17). U jekk ingħatalna li nilqgħuh, hu dmirna li nagħtu xhieda għalih b'ħidma ta' aħwa fil-ħwienet kollha tal-paċi.

## EGHLUQ

Il-paċi hi ta' ħafna suriet. Hemm paċi bejn in-nazzjonijiet, paċi fis-soċjetà, paċi bejn iċ-ċittadini, paċi bejn il-komunitajiet reliġjużi, paċi fl-azjendi, fost il-ġirien, fl-irħula u, speċjalment, fi ħdan il-familji. Jien hu nkellem il-Kattoliċi, u wkoll lill-ħuti, l-insara l-oħra, u l-bnedmin kollha ta' rieda tajba, jiena wrejt is-sogħba tiegħi għal ħafna tfixkil li hawn għall-paċi. Hu tfixkil kbir, hu tfixkil li jhedded. Iżda għax hu tfixkil li ġej mill-ispirtu, mir-rieda, mill-"qalb" tal-bniedem, bl-għajnuna ta' Alla, nistgħu nirbħuh. Ma għandniex inċedu għall-fataliżmu u l-qtigħ il-qalb. Hemm sinjali pożittivi li qed joforqu d-dlamijiet. Il-bnedmin qed jintebħu li jeħtieġ li jkun hemm solidarjetà li torbot flimkien popli u nazzjonijiet biex tinsab soluzzjoni għall-kotra tal-problemi li hemm: il-qgħad, l-użu tar-riżorsi ta' l-art u ta' l-univers, il-progress ta' nazzjonijiet inqas ixxurtjati, is-sigurtà. It-tnaqqis ta' l-armi, b'mod kontrollat u mad-dinja kollha, fil-fehma ta' ħafna hi ħaġa meħtieġa għal kollox. Saret kemm-il sejħa biex jintużaw il-mezzi kollha ħalli l-gwerer jiġu mwarrba għal kollox mix-xefaq tad-dinja tal-bniedem. Hemm ħafna sejħat ukoll għad-djalogu, għall-kooperazzjoni u għar-rikonċiljazzjoni, u hemm għadd kbir ta' inizjattivi ġodda. Il-Papa ħerqan li jinkoraġġihom. "Henjin dawk li jġibu l-paċi". Nagħqdu dejjem flimkien il-ġenerożità ma' moħħ ċar u miftuħ. Ha tkun aktar vera l-paċi u ħa tagħmel l-egħruq f'qalb il-bniedem. Ha tinstema' l-għajta tal-imnikktin li qed jistennew il-paċi. Jalla kull individwu jużа l-enerġija kollha tiegħu biex b'qalb imġedda jgħin lil ħutu fil-bini tal-paċi mad-dinja kollha.

Mill-Vatikan, 8 ta' Diċembru, 1983.

Joannes Paulus PP. II